# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 307/2017

**Il-Pulizija**
**Spettur Rennie Stivala**

**Vs**

**Darren Gouder**

Illum 6 ta' Novembru, 2018,

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Darren Gouder, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 21979M akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-gżejjer, fis-27 ta' Gunju, 2013, għall-habta tas-02:00pm, fl-ibħra territorjali Maltin, waqt li kien ħiereg minn Malta permezz tal-lanċa Sea Storm, u kien wasal madwar tmien mili nawtici 'l barra minn Malta, naqas milli jiddikjara lill-Kontrollur tad-Dwana li huwa kien qiegħed iġorr miegħu l-ammont ta' €530,000 fi flus kontanti, bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Avviz Legali 149 tal-2007 (Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' sejbien ta' htija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, ossia multa ta' 25% tal-ammont li jeccedi l-€10,000 a tenur tar-regolament 4 tal-LS 233.07, tordna wkoll il-konfiska tal-ammont li jeċċedi l-€10,000 a favur tal-Gvern ta' Malta, a tenur tar-regolament 5 tal-LS 233.07.

Il-Qorti giet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tordna l-konfiska tal-Lanca bl-isem ta' Sea Storm bin-numru IMO 12521, li biha twettaq ir-reat a favur tal-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundana lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x' jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-26 ta' Gunju, 2017, fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolament 3 tal-Avviz Legali 149 tal-2007 kif emendat (L.S. 233.07), u l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati skont l-imputazzjoni kif migjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena tal-multa fis-somma ta' hamest elef Ewro (€5,000). Il-Qorti ordnat il-konfiska tas-somma ta' €520,000 favur il-Gvern ta' Malta, kif ukoll il-konfiska skont il-liġi tal-lanċa bl-isem 'Sea Storm' (12521).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Darren Gouder, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Lulju, 2017, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena, kemm principali u kemm sussidjarja jew ancillari.

Rat l-aggravji tal-appellant Darren Gouder li huma is-segwenti:

1. Nuqqas ta' Mens rea. M'hemmx diffikulta' li wieħed jgħid illi fil-fatt ġol-pakkett mogħti mill-armaturi tal-lanċa Sea Storm, kien hemm l-ammont ta' €520,000,pero' fl-istess nifs irid jghid li dawk kienu ippakkjati b'ċertu mod u

ssiġillati illi mhux neċessarjament u awtomatikament Darren kien jaf x'fih l-istess pakkett.
Mhux biss kemm fih il-pakkett imma wkoll kemm kien l-ammont illi fil-fatt kien jaqbeż dak illi ma setgħax jinqabeż skont ir-Regolament skont l-Avviz Legali 149/2007.

Il-pakkett ingħata lilu mill-armaturi, li ghaddew dawn mid-Dwana u lanqas kien raġonevolment deduċibli kif tgħid l-Ewwel Qorti illi dawn m'għaddewx mill-proċeduri regolari meta kellhom ammont bħal dak.

L-esponent għamel referenza għal sentenza ta' Khalil Hamed tas-17 ta April, 2012 fejn fiha kien hemm ċar u tond illi mhux sempliċiment il-fatt illi wiehed joħrog ammont aktar minn dak speċifikat għaliex inoltre irid ikun hemm prova wkoll tal-*mens rea* għaliex dan huwa delitt u mhux sempliċi kontravenzjoni. Il-prosekuzzjoni dejjem insistiet illi dan huwa daqs kontravenzjonali u m'ghandekx bzonn mens rea biex tikkommettih.

Il-prova tal-mens rea tibqa' *squarely* fuq il-prosekuzzjoni.

Il-motivazzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija karenti ħafna minn dawk li huma l-elementi biex filfatt tiġi kkunsidrata l-mens rea. Mhux biżżejjed illi l-Qorti thoss illi l-kaz ġie ppruvat. Kull sentenza għandha tiġi motivata u tgħid fuqhiex hija bbażata il-motivazzjoni tagħha.

Hemm umbaghad nuqqas tal-fatt materjali. L-esponenti ma ghaddiex mill-pont tad-dwana fejn kellu jiddikjara u ma ddikjarax. Kien diga fuq il-vapur. Il-karti tad-dikjarazzjoni ġew formulati mill-armaturi u mhux minnu. Għalhekk ma jistax jingħad li hu kien naqas li jiddikjara, għax id-dikjarazzjoni ma kenitx tispetta lilu.

2. **Dwar il-konfiska tal-flus:**

Il-Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti maħruġa taħtu jipprovdu fuq il-konfiska tal-flus ta' min filfatt ikun għamel ir-reat.

Pero' din il-Legislazzjoni dahlet biex ikun hemm sempliċiment reporting dwar il-hruġ ta' flus u ma kellux jikkostitwixxi forma ta' Exchange Control li jkun ikkamuffat taħt xi regolament.

Filfatt il-legislazzjoni turi illi f'dan il-każ kien hemm regolamenti illi kellhom jinbidlu u dan b'effett fis-sena 2007 minħabba illi ir-regolamenti li l-Gvern Malti għamel ma kienux konformi mal-Leġislazzjoni Ewropea. Filfatt kienu qed jipprovaw iħallu l-*Exchange Control* sempliċiment billi jinbidillu ismu l-Kap. 233 ghalhekk fil-provvedimenti tiegħu kif inhu magħmul, jivvjola il-Leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropeja dwar il-*Freedom of Capital* li jimxi minn pajjiż ghal iehor. Ta' min jgħid ukoll illi dan il-kas apparti kull kunsiderazzjoni oħra, il-flus fil-fatt diġa' ġew konfiskati b'sentenza li ngħatat kontra l-persuni illi jikkostitwixxu is-Socjeta' Go Fuels Ltd. kif jiġi ippruvat ulterjorment.

3. **Dwar il-konfiska tal-lanċa:**

Il-konfiska tal-lanċa diga' ġiet ikkunsidrata u meqjusa fis-sentenza illi ingħatat kontra d-Diretturi ta' Go Fuels Ltd. l-armaturi tal-vapur.

Jekk il-prosekuzjoni kienet qed tqis illi kien hemm kompliċita' bejniethom, konsegwentement il-materja tal-konfiska kienet qed tiġi kkunsidrata ampjament taht dik il-ligi. Dak l-ewwel każ u s-Socjeta' illi hija propjetarja tal-

vapur, permezz tad-Direttur taghha ġiet liberata minn tali provvediment, ma jistax issa l-istess pprovediment jingħata kontra tagħha f'deċizjoni fejn m'hijiex parti.

Il-Qorti kkunsidrat l-Artiklu 23 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-artikolu 23(1) jagħmilha ċara illi l-konfiska m'hijiex applikabbli meta dak li se jiġi konfiskat, ikun jappartjeni lil persuna li ma tkunx ħadet sehem fid-delitt. Hawnhekk, l-uniku wieħed akkużat huwa Darren Gouder u mhux il-kumpanija Go Fuels Ltd. Illi f'dan il-każ mhijiex bl-ebda mod akkużata la hi u lanqas id-Diretturi tagħha. Ta' min jiġbed l-attenzjoni wkoll li l-Artikolu 23(1) jitkellem fuq il-corpus delicti, tal-instrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt.

ħilli n-nuqqas ta' dikjarazzjoni fuq l-art qabel ħargu il-flus minn dak il-punt illi jsemmu tad-Dwana (the point of no return) ifisser illi hemm ukoll il-vapur involut.

Illi għalhekk il-konfiksa applikata mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet totalment żbaljata ghaliex l-Artikolu 23 m'huwiex applikabbli, għaliex il-lanċa Sea Storm, la hija corpus delicti, la hija l-instrument li serva biex sar id-delitt jew inkella kien il-profitt tal-istess delitt. Għalhekk il-konfiska hija legalment żbaljata u tikkostitwixxi privazzjoni tad-Dritt tal-propjeta' bi vjolazzjoni tal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem għaliex qed tittieħed propjeta' b'mod mhux konformi u previst mill-liġi. Barra minn hekk wieħed jagħmel minn issa referenza għas-sentenza kostituzzjonali Emanuel Ciantar kontra l-Avukat Generali 11 ta' Awwissu, 2014 u l-kawzi l-ohra msemmija fl-istess.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Fis-seduta ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) meta l-appellant tressaq taħt arrest ġew esebiti l-fedina penali tal-appellant, ċertifikat tat-twelid tal-appellant, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali biex jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-appellant, l-istqarrija tal-appellant u l-ammont ta' €530,000.

Fis-seduta ta' nhar is-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **Michael Savona** li kien mitlub jagħmel riċerka fuq il-lanċa Sea Storm bin-numru uffiċjali 12521. Jgħid li d-dgħajsa hija reġistrata fuq Go Fuels Limited, 16 Shore Street, Imġarr, Gozo, Malta. Xehed li għandhom hija reġistrata bħala *work boat*. Jgħid ukoll li Darren Gouder għandu ċertifikat ta' kompetenza bħala Boat Master Grade 1 bil-limitazzjoni li jista' jsuq dgħajjes ta' erbgħa u għoxrin pied. Jgħid li d-dgħajsa għandha tlieta u għoxrin punt tmenin (23.80). Ikkonferma li l-appellant huwa awtorizzat biex jopera din id-dgħajsa. Huwa preżenta ċertifikat li juri l-*ownership* tad-dgħajsa bħala Dok MS u ċ-ċertifikat ta' kompetenza mmarkat bħala Dok MS1. Huwa xehed li ma jkollomx informazzjoni dwar kemm tiswa jew hija valutata d-dgħajsa. Spjega li f'Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) kien sar trasferiment tad-dgħajsa minn fuq il-Medi Launch & Supply Services għal fuq il-kumpanija Go Fuels li skont il-*bill of sale* ġie dikjarat il-prezz ta' *three thousand and eighty, six hundred Euros*. Jgħid li dan huwa l-prezz li jiġi dikjarat bejn il-partijiet u ma jfissirx li huwa verament il-valur tad-dgħajsa. Il-file li rrefera għalih huwa l-file uffiċjali tal-Merchant Shipping.

Fl-istess seduta tas-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed ukoll **Anthony Busuttil** li qal li jaħdem id-Dwana, Director Enforcement. Huwa qal li intalbu jagħmlu riċerki jekk sarux xi *cash declarations* fl-ismijiet ta' Michael Zammit, Anthony Zammit, Darren Gouder jew Go Fuels Limited. Spjega li cash declarations isiru minn individwi mhux minn kumpaniji u mir-riċerka li għamlu minn l-ewwel tas-sena l'hawn ma saru l-ebda *cash declarations* bil-mod kif titlob il-liġi la fid-dħul u lanqas fil-ħruġ. Jgħid li skont il-liġi hemm proċedura speċifika kif isiru dawn id-dikjarazzjonijiet fuq formola preskritta apposta mill-Liġi u mir-records li għandhom ta' dawn il-formoli ma jirriżultax li mill-ewwel tas-sena l'hawn kien hemm xi dikjarazzjonijiet minn dawn il-persuni. Bħala l-punt ta' meta ssir id-dikjarazzjoni tal-flus qal li bħala *clearance* fejn isiru dawn id-dikjazzazzjonijiet, għal moviment bl-ajru jsir fl-Ajruport u għal movimenti bil-baħar isir il-post msejjah *Baggage Room*.

Fl-istess seduta xehed **Renne Aquilina** li qal li jaħdem bħala Fizzjal mal-Forzi Armati, stazzjonat il-Maritime Squadron, Xatt it-Tiben u l-irwol tiegħu huwa ta' Officer in Charge mir-Rapid Deployment Platoon. Mistoqsi dwar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) jgħid li ġew mgħajta biex iħejju operazzjoni, biex jinċertettaw il-working boat li ġġorr l-isem ta' Sea Storm, jagħmlu vessel board u search. Jgħid li telgħu abbord li kien fl-area ta' six (6) nautical miles il-bogħod mill-Grand Harbour fl-area ENE, x'ħin ħarġu raw il-vessel u kkonfermaw permezz ta' apparat elettroniku abbord u kemm viżwalment. Jgħid li telgħu abbord u kellmu lil Master Mr. Darren Gouder. Huwa għaraf lill-imputat fl-Awla. Laqgħu l-crew fuq wara tad-dgħajsa għas-sigurta tagħhom u tal-crew. L-ewwel kellem il-Master, il-kaptan tal-lanċa u qallu biex ikompli fuq ir-rotta u jkompli jipproċedi. Jgħid li l-intenzjoni tal-vjaġġ kienet li ħa jagħmel conveyance ma l-MV Gamilja Star u staqsieh x'qed jitrasporta u jekk kellux cargo ta' valur kbir u qal li ma kienx qiegħed iġorr tagħbija, kull ma kien qiegħed iġorr kienu tliet (3) passiġieri li kienu abbord il-*working boat*.

Jgħid li apparti Darren Gouder, kien hemm żewġ membri tal-ekwipaġġ jaħdmu miegħu, wieħed Indonezjan u wieħed Ukren. Staqsieh id-domandi ta' rutina minn fejn telaq sa fejn sejjer u ddikjara li telaq għal ħabta ta' xis-siegħa fl-istess ġurnata u telaq mill-Portil-Kbir. Jgħid li wara li bdew ifittxu rċevew struzzjonijiet mill-Operation Centre AFM li kienu qegħdin ifittxu affarijiet ta' valur għoli. Reġa staqsieh jekk qed jitrasporta xi cargo, xi tgħabija, xi ħaġa ta' valur abbord u l-kaptan qallu le. Komplew it-tfittxija u fil-bridge innota basket iswed żgħir u li ġo fih sabu pakkett imgeżwer bit-tape ġo pakkett tal-karti u ġo fih kien hemm karta li kienet qed tammonta għal madwar ħames mitt elf ewro. (€500,000). Huwa preżenta r-rapport uffiċjali mmarkat bħala Dok RA. Jgħid li fl-ewwel paġna hemm id-deskrizzjoni ta' kif seħħew il-fatti kronoloġikament, it-tieni paġna id-dettalji kollha tal-crew u tad-dgħajsa, f'paragrafu 8 ix-xhieda li kellhom jixhdu b'eċċezzjoni li Bumbardier Chetcuti M m'għadux iservi fil-Forzi Armati allura ġab membru ieħor milli kien preżenti abbord Gunner Farrugia li jgħid jista' jixhed minflokk Bumbardier Chetcuti. Xehed li fit-tielet paġna hemm ir-rapport tat-temp tal-ġurnata. Annex A hija il-boarding form li jimlew ta' rutina li tkun referenza għalih. Jgħid li din jimlewa kull meta jitilgħu abbord vapur biex ikollhom referenza, jiġifieri għandek l-allokazzjoni, għandek litteralment *breakdown* ta' x'tista' issib. Annex B hemm id-dokumenti u kopji tal-crew list u tal-passiġieri li kienu abbord b'eċċezzjoni wieħed Ukren li dakinhar ma kellux dokumenti x'jippreżenta. Annex C hemm '*id-description tar-rittatt li jammontaw f'Euro*', il-basket l-iswed li kien fil-bridge ma ġemb il-kaptan u ritratt ta' kif kienu mgeżwrin l-ammont ta' flus. Jgħid li l-flus ma fethuhomx peress li rċevew struzzjonijiet biex il-pakkett ma jinfetahx imbgħad taw over lil pulizija.

Spjega li l-bridge hija l-parti fejn ikun hemm ir-rota tal-vapur fejn il-kaptan ikun jista' jidderiġi. Fil-bridge kien hemm Darren Gouder waħdu. Jispjega li meta tela' ġie jilqgħu barra fuq wara tad-dgħajsa mbagħad tela' miegħu fil-bridge. Jgħid li l-ewwel ma jagħmel jiprova jidentifika min hu l-kaptan tal-lanċa u jistaqsih '*Inti l-kaptan tal-lanċa?*' u jikkonfermalu. Jgħid li telgħu fuq id-dgħajsa madwar six (6)nautical miles il-bogħod mill-bokka f'ibħra territorjali. Meta staqsieh x'inhuma qal li '*Dawn huma*

*salarji li kien ha jaghmel conveyance mal-Gamilja Star.'* Ix-xhud spjega li l-MV Gamilja Star kienet qed *tihhoverja* fl-area ta' 12.5 nautical miles, jiġifieri il-barra tal-ibħra territorjali Maltin. Jgħid li telgħu abbord, infurmaw l-Operation Centre tagħhom u struzzjonijiet mill-Operation Centre tagħhom kienet li jirritornaw is-Sea Storm flimkien mal-crew tagħhom ġo Ship Building site, Deepwater quay number 2, jgħid li '*immorjajnih hemmhekk u ovjament over ma l-Ispettur Stivala u tajna over u ghaddejnielu l-informazzjoni.'*

Fis-seduta tas-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **Matthew Farrugia** li qal li huwa suldat fil-Maritime Squadron mar-Rapid Deployment Platoon u qiegħed fir-rank ta' Gunner. Mistoqsi dwar operazzjoni fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) qal li '*gejna rrikorjati f'xi l-hdax (11:00) ta' filghodu biex nidhlu xoghol, mal-habta ta' xi s-saghtejn (2:00) hrigna fuq il-PO2 ghal fuq dan il-kaz, gejna brifjati li ha mmorru fuq conveyance board is-Sea Storm, kienet dgħajsa suspettata. Madwar qisu xi sitt (6) mili l-barra mill-Port il-Kbir ivvizwalizzajniha kemm b'ghajnejna u kemm fuq ir-radar, ghaddejna kollox lill-Logs Room, giet il-konferma li nitilghu u tlajna abbord. Jiena mbaghad gejt iddettaljat biex inkun security mal-bqija tal-crew u l-passiggieri li kienu sitta (6) b'kollox. Kif konna dehlin lura jiena mbaghad gejt iddettaljat mill-Fizzjal tieghi s-sur Aquilina biex noqghod fil-bridge ghassa mal-pakkett ta' valur li nstab biex ma jintesx minn hemmhekk. Mal-wasla taghna lura fil-Port ahna ghaddejna kollox lill-Ispettur Stivala wara li ghamilna search iehor u ghaddejna l-evidenza kollha f'idejn il-pulizija.'* Jgħid li daħlu lura għal ħabta tas-sitta (6:00), meta reġa mistoqsi dwar il-ħin li daħlu max-xatt bis-Sea Storm jgħid li ma jiftakarx eżatt.

Fis-seduta ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) **Michael Zammit** u **Anthony Zammit** iddikjaraw li mhux se jixhdu f'dan l-istadju peress li l-Uffiċjal Prosekutur informa lil Qorti li se jittieħdu proċeduri kriminali kontrihom.

Fl-istess seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed l-**Ispettur Rennie Stivala** li qal li fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena

elfejn u tlettax (2013) ngħata struzzjonijiet biex hu flimkien man-nies tiegħu jinżlu il-Marsa ftit iktar il-ġewwa mit-tinda tal-patata f'post speċifikament magħruf bħala Mifsud Veranda fejn kellu jsib bastiment, lanċa bl-isem ta' Sea Storm u kellu jara l-irregolaritajiet li setgħu kienu rapurtati. Jgħid li nieżel wara nofsinhar dakinhar flimkien mas-Surġent WPS 249, sabu l-bastiment ittrakkat mal-moll, x'ħin waslu instab li l-bastiment kien taħt il-kustodja tal-AFM, kien hemm sqaudron mill-AFM li kienu ħarġu kif spjegat lilu dak il-ħin interċettaw id-dgħajsa madwar għaxra (10), tnax (12) il-mil nawtiku il-barra minn l-art Malta u huma kellhom struzzjonijiet li jitilgħu u jwaqqfu d-dgħajsa u jdaħħluha lura. Min kien qiegħed jieħu ħsieb l-isquadron spjegalu li meta bbordjawha huma sabu lil kaptan Darren Gouder li huwa għaraf bħala l-imputat fl-awla u tnejn mill-istaff tiegħu, tnejn barranin, wieħed Abdul Haris ta' nazzjonalita' Indonezjna u wieħed Vitali Znieh ta' nazzjonalita Ukrena. Jgħid li kien hemm tlieta oħra li kienu ta' nazzjonalita barranija wkoll u kienu allegatament qegħdin jiġu mwassla fuq vapuri u siti oħra fuq xogħol fil-baħar. Jgħid li din id-dgħajsa tintuża bħala conveyance boat li twassal servizzi, ikel, u li jkun hemm bżonn u nies fuq vapuri u riggijiet.

Jgħid li bħala irregolarita' fil-kabina fejn kien hemm il-kaptan kien hemm basket iswed illi fih kellu basket tal-karti qisu mgeżwer bit-tape u ġo fih kien hemm €530,000 cash. Il-kaptan ġie mistoqsi jekk dawn humiex flus tiegħu u l-kaptan qal li ma kienux flus tiegħu u li kienu ngħatawlu mis-sid tal-kumpanija.

Huwa kkonferma li nieżel max-xatt u sab id-dgħajsa bl-isem Sea Storm u mistoqsi x'għamel max-xatt u x'kien l-involviment tiegħu qal li hu u n-nies tiegħu tellgħu flimkien fuq id-dgħajsa, in-nies kienu qegħdin maqsuma, jiġifieri ż-żewġ membri tal-ekwipaġġ li semma qabel u t-tlett passiġġieri li kien hemm fuq id-dgħajsa biex jitwasslu kienu qegħdin jinżammu f'kamra għalihom *'li hija l-mess fejn jieklu mill-membri ta' l-AFM u l-kaptan kien b'ghassa mieghu u bil-basket li semmejt bil-flus fil-gabina biex xejn ma jintmess'*. Jgħid li jaf li l-AFM ħadu xi ritratti tal-affarijiet u ġew preżentati wkoll. Huwa avża lil kaptan u lill-ekwipapp kollu u anke lil passiġiera li

kienu fi stat ta' arrest u ngħataw id-drittijiet u ttieħdu d-Depot. Jgħid li ġie Avukat li jirrappreżenta l-kumpanija hemmhekk biex jara x'ġara u ma setgħax jagħtih tagħrif. Jgħid li tellgħu lis-sitt min nies fi tlett vetturi separati l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u l-baskett li kien fih il-flus żammu għandu, tellgħu fil-karozza miegħu, poġġejtu fil-kamra u għamiltu fil-Quarter Master f'post safe u ġie ppreżentat il-Qorti. Lil Kaptan staqsieh jekk fetahx il-basket u qal li ma fetħux u ma messux, ix-xhud ma fetahx il-basket u l-Army kkonfermawlu li l-basket ma nfetahx minn naħa tagħhom, ma ntmess iżda ittieħdu ritratti. Il-basket infetaħ fil-preżenza tal-imputat meta tkellmu biex jaraw il-flus, huwa kjarifika li l-basket infetaħ il-Qorti.

Jgħid li aktar tard filgħaxija fid-disgħa neqsin għoxrin ta' filgħaxija (8:40) tal-istess ġurnata, l-imputat inġib l-uffiċju tax-xhud, ġie mogħti s-solita twissija fil-preżenza ta' WPS 249 Marushka Debattista, ibbenifika mid-dritt tal-Avukat u kellem lil Dr Malcolm Mifsud. Huwa kkonferma l-istqarrija fol 12 sa 15 bħala l-istqarrija li kien qed jagħmel referenza għaliha, stqarrija formanti erba' (4) faċċati fejn fuqha huwa għaraf il-firma tiegħu ta' WPS 249 Maruska Debattista. Dakinhar l-imputat għażel li ma jiffirmax l-istqarrija. Huwa kkonferma l-kontenut tagħha. Jgħid li meta mistoqsi, l-imputat baqa' jispjega illi kien mitlub minn wieħed mis-sidien tal-kumpanija illi jistennih ħalli jgħaddilu xi flus biex dan jgħaddihom lil vapur ieħor li kien ankrat tlettax (13) il-mil il-barra minn Malta voldieri out of territorial waters tagħhom, talbu biex jikkonsenja dan il-basket bil-flus u hu qallu li kien jaf li kien fih flus biss ma kienx jaf kemm fih. Jgħid li l-ħaġa stramba hi li kien hemm lista tal-flus bl-ammont magħhom fuq barra, jiġifieri wieħed seta' jara x'kien fih.

Ix-xhud jgħid li staqsa kemm lil Kaptan u lil ekwipaġġ jekk kienux jafu, lil kaptan staqsih jekk kienx avvza lil ekwipaġġ bil-preżenza tal-flus u hu wieġeb illi ma kienux jafu, jidher li l-ekwipaġġ kien jaf b'xi parts ukoll biex jitwasslu fil-gabina fuq diversi bċejjeċ tal-baħar oħra. L-imputat baqa' jgħid li dan ġie mitlub iwassalhom. Ġie mistoqsi jekk bħala kaptan ottemperax ruħu mad-doveri tiegħu la l-flus instabu fil-pussess tiegħu illi qabel joħroġ minn Malta minn mal-blat, kien mar il-baggage

room u għamel dikjarazzjoni tad-dwana u wieġeb li ma kienx għamilha u baqa' jgħid li l-flus kienu tas-sid. Sussegwentement ittieħdu l-proċeduri fil-konfront tiegħu bħala kaptan u qegħdin jittieħdu proċeduri oħra u li ma kienx jidher li kien hemm fejn jittieħdu proċeduri kontra l-membri tal-ekwipaġġ allura nżammu biss arrestati.

Fis-seduta ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehdet **WPS 249 Maruska Debattista** li mistoqsija dwar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) qalet li taħt struzzjonijiet tal-Ispettur Rennie Stivala kienet niżlet miegħu l-Marsa viċin il-Mentqa għaliex mid-dehra kienet instabet xi dgħajsa bl-isem ta' Sea Storm b'xi excess currency fuqha. Kienet twaqfet mill-armata u kif waslu, kien hemm preżenti wkoll l-Ispettur Ferris u s-surġent tiegħu Conrad ma tafx kunjomu. Preżenti kien hemm tal-armata, xi barranin fuq il-lanċa pero' setgħet tarahom għax kien hemm kamra żgħira fejn kienu kollha bilqegħda,pero' hi baqgħet barra dakinhar. Tgħid li marru lura għal iktar investigazzjonijiet. Tgħid li jirriżulta li fid-dgħajsa, l-Ispettur ħareġ miegħu lil imputat li hija għarfet fl-awla u marru d-Depot għal iktar investigazzjonijiet. Tgħid li mbgħad bdew l-istqarrijiet. Hi għarfet l-istqarrija a fol 12 sa 15 Dok RS3, għarfet il-firma tagħha, tal-Ispettur Rennie Stivala fejn Darren Gouder għażel li ma jiffirmax. Tgħid li kienet preżent mill-bidu sal-aħħar tal-istqarrija, l-Ispettur ta' t-twissija skont il-liġi u l-imputat għażel li jikkonsulta mal-Avukat tiegħu Dr Malcolm Mifsud u dan qabel l-istqarrija.

Fis-seduta ta' nhar it-tnejn (2) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **Joseph Saliba** in rappreżentanza tal-Employment & Training Corporation li preżenta employment history ta' Darren Gouder bin-numru tal-karta tal-identita' 21979M mmarkata bħala Dok JS.

Fl-istess seduta xehed ukoll **PS 856 Conrad Falzon** stazzjonat fl-Iskwadra ta' kontra r-Reati Ekonomiċi li qal li fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) ġew infurmati li daħlet lanċa biex jassistu lill-Ispettur Rennie Stivala. L-

involviment tiegħu kien li tela' abbord din il-lanċa u fil-kabina ra lil kaptan flimkien mal-crew. Huwa għaraf lil kaptan bħala l-imputat fl-awla. Jgħid li hu ma kellmux u kien għassa mal-kabina biex ma joħroġ ħadd. Ma jafx eżatt kemm kienu nies imma kien ma nies oħra.

Fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed l-allura **spettur Jonathan Ferris** meta mistoqsi dwar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju qal li kien fil-kuritur tal-Economic Crimes dak il-ħin, irċieva telefonata mingħand il-Kummissarju u flimkien mal-Ispettur Stivala ltaqgħu l-uffiċju dwar xi dettalji dwar xi lanċa. Jgħid li minnufih qabbad lil Pulizija tiegħu, PC 499 Ismael Buhagiar u nieżel fuq il-post bil-karozza flimkien mal-Ispettur Stivala li kien akkumpanjat mis-Surġent tiegħu. Jgħid li huma nieżlu fuq il-post fejn huma jsejħula t-tinda tal-patata li tiġi fuq Suq Veranda Jgħid li kien hemm barġe orange, kien hemm suldati u trakkaw miegħu. Xehed li l-Ispettur Stivala laħaq daħal abbord. Jgħid li kien hemm xi baħrin li kienu ser ikunu in transit mill-ftit li tkellmu magħhom. Imbagħad telgħu fuq fejn il-kabina tal-kaptan fejn instab dak li jsejjaħlu '*pouch*'.

Jgħid li sa hemm kien l-involviment tiegħu għax hu kien qed jinvestiga dwar kutrabandu ta' fuel u peress li l-Ispettur Stivala kien tal-Għassa, ix-xhud kien imqabbad mill-Kummissarju biex jara jekk kienx fiha fuel tal-kutrubandu u din id-dgħajsa ma kienx fiha fuel. Jikkonferma li mbagħad kompla s-Sur Stivala.

Huwa għaraf lill-imputat bħala li kien abbord. Jgħid li abbord kien hemm tnejn li kienu ser ikunu in transit u xi nies oħra ta' nazzjonalita Asjatika, ħamsa b'kollox. Mistoqsi jekk tkellimx mal-imputat jgħid li x-xhud iddentiika ruħu kif mitlub bil-liġi u staqsa kemm hemm nies abbord. Jgħid li jaf li kien hemm wieħed ta' nazzjonalita East Ewropew li kien sejjer fuq dgħajsa oħra għax kellu xi bagalji ukoll u dak niżżlu fil-karozza miegħu meta ġie skortat lejn id-Depot.

Fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed in kontro-eżami **Rene Aquilina** fejn ġie mitlub jekk il-pakkett kontenenti l-flus fetħux fuq il-vapur jew lanċa. Jgħid li l-ewwel kienu ser iħollu t-tape tiegħu imbagħad waslitlu telefonata u l-pakkett ma komplewx jiftħuħ. Jgħid li ħallih fuq il-bridge sakemm tawh lil Pulizija. Jgħid li l-pakkett kien magħmul minn basket tax-xiri normali tal-ħwejjeġ mrembel bit-tape tad-dawl aħmar miżmum ġo basket iswed żgħir li kien jinsab fuq in-naħa tal-lemin tal-iskipper. Kellu aktar minn romblatura waħda. Jgħid li pruva iħoll imbagħad irċieva it-telefonata l-pakkett baqa' ssiġġillat. Meta staqsa x'kien fih, l-iskipper qallu li kienu pagi tan-nies. Mistoqsi kienx indikat kemm kien fih il-pakkett ġewwa jgħid li iva kienu jammontaw għal €550,000 u kienu maqsuma f'rati ta' flus. Jgħid li l-karta kienet viżibli minn barra, il-pakkett ma fetħux imma l-karta ħarġet il-barra minn ġol-basket. Jgħid li kien hemm *back pack* u f'dan il-*back pack* kien hemm pakkett ieħor mrembel fit-tape. Jgħid li l-pakkett ma fetħux, fiżikament setgħa jgħid li kienu flus. Meta staqsa lil Darren Gouder qal li kienu pagi tal-crew li kienu sejrin jagħmlu conveyance tiegħu. Jgħid li fil-*back pack* kien hemm karta oħra li kienet tgħid li kien hemm tant ammont ta' Ewropero' kien hemm pakketti ta' ħamsin. Jgħid li meta qabad il-pakkett f'idejh ma setgħax jgħid li kien hemm dak l-ammont. Jgħid li l-lanċa qabel telqet kienet Mifsud Veranda bħala berthing location. Meta staqsa għal *location* qal li ħareġ għas-siegħa mill-Port il-Kbir.

Mistoqsi in ri-eżami daqs xiex kien dan il-pakkett qal li 30cm x 15cm u għoli 20cm. Jgħid li kien esebixxa r-rapport tiegħu u kien hemm ritratti tal-karta partikolari li kienet tammonta l-flus. Jgħid li bit-talja tal-flus jista' jgħid li kien hemm dak l-ammont. Mistoqsi x'materjal kien hemm fih, jgħid li flus kien hemm. Mistoqsi jekk ikun responsabbli ta' lanċapero' qiegħed taħt 'l-ermatur', min qiegħed imexxi, jekk jagħtix l-ordnijiet fuq il-baħar hu, wieġeb li dejjem tipprova żżomm il-lanċa fis-sigurta' u l-proċeduri li jagħmlu huma. Mistoqsi jekk tkun impjegat fejn jibgħatuk u anke fl-army fejn jibgħatuk wieġeb li l-ordnijiet tas-superjuri tiegħek.

Fl-istess seduta tat-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed **Matthew Farrugia** fejn mistoqsi jekk rax il-pakkett wieġeb li iva rah f'ħin minnhom iżda ma fetħux il-pakkett. Mistoqsi jekk fuq barra kien hemm xi ħaġa mwaħħla li turi x'fih jew x'ma fihx jgħid ma tantx resaq viċin għax kien qiegħed għassa fuq in-naħa tal-bridge, ta' titwila u ma ra xejn. Jgħid li ra biss il-pakkett bit-tape miegħu. Jgħid li kien tape imdawwar u mistoqsi jekk aħmar kontinwament wieġeb iva.

Xehed ukoll **Anthony Busuttil** fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn id-difiza qalet li '*l-procedura li kienet dahlet fis-7 ta' Gunju 006 anzi qabel skont ir-regolamenti li hawn bhalissa tal-exchange control, d-dikjarazzjoni trid isir mill-indiviwdu li tighu jkunu l-flus'*, ix-xhud wieġeb '*Min jkun qed igorrhom.*' Jgħid li l-obbligu qiegħed li ssir dikjarazzjoni fuq il-formola illi din l-obbligazzjoni tiġi meqjusa onorata appena d-dikjarazzjoni timtela mill-persuna u ppreżentata lid-Dwana. L-uffiċju tad-Dwana qiegħed fl-ajruport għat-tluq bl-ajru u fil-Port il-Kbir għat-tluq bil-baħar. Mistoqsi '*Jigifieri d-Dwana Lascaris tigi pprezentata*?' Wieġeb '*Pinto, dak li jissejjah il-Baggage Room, fejn isir il-Clearance outwards tal-vessels.*' Mistoqsi '*Id-dikjarazzjoni trid isir min jkun qed igorr il-flus u jaqbez dak il-point hux hekk?*' Wieġeb '*Ikun ser jaqbez dak il-point.*' Mistoqsi mill-Qorti '*Jekk inti ghandek €9,999?*' Wieġeb li '*Ma ghandekx ghalfejn taghmel dikjarazzjoni.*' Mistoqsi '*Jekk jeccedi dak l-ammont ma tistennies minghand il-Kaptan tal-ajruplan li jaghmel dikjarazzjoni. Mill-individwuli jkun effettivament abisogn dak il-point. Iva jew Le?*' Wieġeb '*Hekk hu.*'

Mistoqsi jekk tkun għaddej mid-Dwana u tkun qed iġorr flus, min irid jagħmel id-dikjarazzjoni meta jgħaddi mid-Dwana, wieġeb li min ikun qed iġorrhom. Mistoqsi mill-Qorti '*Sur Busuttil, issemma l-airport u ssemma Pinto. Jekk ghall-argument Mr X illi ser jitlaq bil-lanca ghall-argument mix-Xemxija u ser johrog b'€9,000 fuq dik il-lanca. X'obbligu ghandu dan? Jista jitlaq mill-Fekruna biex johrog mit-territorju Malti?*' Wieġeb '*Le ma jistax. Irid jkollu permess psecjali biex jitlaq mill-Fekruna.*'

Mistoqsi mill-Qorti '*U l-permess specjali biex jitlaq,pero' jekk ghandu _9,000 fuqu hemm xi obbligu iehor?*' Wieġeb li '*Il-procedura hi li l-kaptan jaghmel clearance outwards tal-bicca*

*tal-bahar u fil-crew list jkun hemm imnizzel l-lista tal-crew li jkun abbord u jekk jkun ser igorr fuqu aktar minn €10,000 irid jaghmel dikjarazzjoni lid-Dwana.'*

Mistoqsi wkoll mill-Qorti '*Persuna li ghandu lanca u li jixtieq jmur Sqallija, qieghed wahdu.*' Wieġeb '*Mill-Port il-Kbir jew il-port ta' Marsamxett ghandna l-jott marinas hemmhekk ukoll.*' *Mistoqsi* '*Irid jitlaq mix-Xemxija?*' Wieġeb li '*Neskludi l-Freeport ghax ghandha ufficju hemm ukoll.*'

Il-Qorti staqsiet ukoll '*Sempliciment ghandu lanca ta' 40 pied sidha qam filghodu u irid imur Sqallija. Irid imur x'imkien Pinto Wharf jew jista' jaghmel dikjarazzjoni bir-radju li hu ser johrog minn Malta?*' Wieġeb '*Il-clearance outwards isir Pinto Wharf, suppost jitlaq minn hemm jew minn Ghawdex ghax Ghawdex hemm ufficcju, Freeport jew Marsamxett.* '
Id-difiza ikkumentat '*L-importanti li jkollu l-clearance out*' u x-xhud wieġeb '*Iva*'.Mistoqsi jekk iridx ikun hemm clearance out mir-radju, wieġeb li le u qal li l-paperwork f'dan il-każ saret.

Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed **Anthony Busuttil** in kontro-eżami. Xehed li huwa Director Enforcement id-Dwana. Mistoqsi jekk kienx xhud fil-proċeduri kontra Michael Zammit u Anthony Zammit qal li le u mistoqsi jekk sarux proċeduri tad-Dwana kontra tagħhom wieġeb li jrid ikun jaf għal liema każ qed jirreferi. Mistoqsi jekk għamlux riċerrki fuq persuni oħrajn bħala l-armaturi tal-vapur illi kellhom jiddikjaraw il-flus u kull ma jkun fih il-vapur.

Din il-Qorti tinnota li fit-traskrizzjoni hemm imniżżel '*recording imwaqqaf*'.

**Anthony Busuttil** kkonferma x-xhieda tiegħu tas-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013). Jgħid li d-dokumenti li ġab huma tal-clearance outwards tal-bastiment inkluża l-lista tal-ekwipaġġ. Jgħid li d-dikjarazzjoni trid issir minn xi ħadd li fiżikament se joħroġ il-flus jiġifieri jrid ikun wieħed mill-membri tal-ekwipaġġ. Mistoqsi '*Fizikament johrog il-flus meta jaqbez dak il-point jew le?*' wieġeb '*Dak huwa l-*

*ahhar punt fejn ghandha ssir id-dikjarazzjoni.*' Jgħid li dak il-punt ikun hemm il-crew list, fuq il-vapur ma jista' jitla ħadd iżjed ħlief dawk li jkun hemm dikjarat fuq il-crew list. Mistoqsi '*Ma jistax johrog imma jista' jitla persuna u jerga jinzel fil-vapur*' wieġeb '*iva jista probabli.*' Jgħid li l-vapur ma jistax joħrog persuni differenti. Id-difiża qalet '*Il-crew qieghed hemmhekk kollu kemm hu, tela' xi hadd minn l-art mar fuq il-vapur u rega' nizel u dawk hargu, dawk li hemm fuq il-crew list hargu u l-ohrajn nizlu l-isfel.*' Wieġeb '*Ehe l-istess procedura tapplika ghall-bastimenti jigifieri, jigifieri l-bastimenti jigu kklerjati hafna qabel ma johorgu. Jigifieri sa dak il-hin ikun ghadu jista jitla l-agent u affarijiet hekk.*'

In ri-eżami mistoqsi jekk jirriżultalu min għamel d-dikjarazzjoni mill-persuna li tirrappreżenta l-vapur in kwistjoni, wieġeb li ma jista jiddentika l-firma ta' min hi. Jgħid li l-isem ikun fil-crew list. Jgħid li l-kaptan irid jagħmilha. Jista' jagħmilha wkoll l-authorised agent. Huwa preżenta vera kopja tad-dokument li ġie mmarkat bħala Dok AB. Jgħid li huwa IMO declaration li jkun hemm id-dettalji tal-bastiment u fejn sejjer u kemm ghandu ekwipagg u fejn hu reġistrat u r-registration number. Imbaghad ikun hemm il-crew list, żewġ dokumenti jiġifieri. - IMO general declaration u IMO crew list. Jgħid li fuq id-dikjarazzjoni jidher isem ta' Eric Grima u hemm name of master Darren Gouder. Jgħid li d-dikjarazzjoni jagħmilha l-Master. Jgħid li d-dikjarazzjoni jekk ser issir f'isem il-kumpanija irid jiffirmaha l-kaptan li l-flus se johroghom f'isem il-kumpanija. Fuq id-dokument jgħid li tidher it-timbru ta' xi kumpanija Go Fuels Limited. Jgħid li ma jirriżultalux jekk saritx dikjarazzjoni oħra.

Fis-seduta ta' nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax (2015) xehed **Michael Zammit**. Huwa kkonferma li ttieħdu proċeduri kontrih u l-każ kontrihom inqata fis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jgħid li flus ġabhom mill-Bank u kienu se jixtru ż-żejt barra Off Shore bihom u huma tawhom lil Darren. Jgħid li tahomlu hu, mar hu personalment fuq il-lanċa. Mistoqsi min għadda mill-post tad-dwana fejn tiddikjarahomm jgħid li ma għaddewx għax ma kienux jafu li jridu jiddikjarawhom. Jgħid li hu ħadomlu fuq il-vapur u kienu

ippakjati mill-Bank HSBC. Jgħid li ħadhomlu ġo pakkett u ma jiftakarx jekk kien hemm xi haga miktub. Jgħid li mingħalih borza li ma jidhirlux li kienet trasparenti.

Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx involut f'xi karti tad-dwana dakinhar u jekk għamilx xi ħaġa qal li kien mingħalih li għandhom kollox sew, żball ġenwin u pattew għalih dan l-iżball. Jikkonferma li l-520,000 ġew konfiskati.

In kontro-eżami mistoqsi fejn kienet il-lanċa meta mar jatihomlu qal li kienet Mifsud Veranda. Mistoqsi hemmx aċċess liberu għal kulhadd u ma trid tgħaddi mill-ebda gatw tad-dwana biex mar bihom wieġeb le le. Mistoqsi jekk tahx struzzjonijiet biex jiddikjarahom jew kemm tajhomlu u bagħtu fuq xogħlu wieġeb li ma kienx jaf eżattament il-proċedura li trid issir bil-flus u jgħid li kemm qallu biex jagħtihom lil kaptan ħalli jħallas bihom. Jgħid li Darren Gouder huwa mpjegat bħala kaptan mal-kumpannija tahom. In ri-eżami mistoqsi '*Meta ghidtlu aghtihom lil kaptan biex ihallas inti lil min kont qed tghid, ghal kaptan ghal min?* Wieġeb '*Għal kaptan tal-vapur l-iehor*.'

Mistoqsi mill-Qorti l-lanċa Sea Storm ta' min hi, wieġeb li tagħhom jagħmlu l-conveyance biha. Mistoqsi mill-Qorti wkoll jekk ġietx konsfiskata wkoll, l-ufficjal prosekutu qal li le kienet ġiet imwqafa u mbagħad rilaxxata biex ikomplu x-xogħol. Ix-xhud ikkonferma dan. L-uffiċjal prosekutur qal li hemm il-kundizzjonijiet ta' kif għandha tiġi rilaxxata pero' qiegħda għandhom qegħdin jaħdmu biha.

Fis-seduta ta' nhar il-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) xehed bil-ġurament l-**imputat illum appellant Darren Gouder**. Jgħid li dak in-nhar bħala ġurnata normali daħal għax-xogħol xis-sebgħa ta' filgħdodu, għal ħabta tas-sebgħa u nofs ċemplulu mix-xogħol biex jgħidulu x'għandhom xogħol. Qalulu li kellu joħroġ bil-lanċa Sea Storm għal mal-vapur Jamila Star, u kellu jtella tlieta minn nies u iktar tard kellhom iġibuli xi flus. Jgħid li sadattant laħqu għamlu l-clearance tal-lanċa minn naħa tal-uffiċċju. Jgħid li hemm nies jieħdu ħsieb il-karti u li hu ma ffirmax karti, għamlu l-clearance mal-baggage room. Jgħid li mbagħad beda jistenna l-ħin

jgħaddi sakemm jiġi l-imgħallem u jġiblu l-flus. Għal ħabta tal-ħdax ġablu l-flus fuq il-lanċa u talab il Valletta Port il-permess biex joħroġ barra t-territorju u tatu l-go ahead u jgħid li minn naħa tiegħu kien kollox sew u telqu l-barra.

Mistoqsi jekk mis-sebgħa u nofs sal-ħdax nieżilx minn fuq il-vapur qal li le, kien għadu fuq il-vapur jistennew sakemm jiġi l-imgħallem. Mistoqsi '*Issa bil-flus, min ghadda mid-Dwana jew etc...?*' wieġeb li kellhom jiddikjaraw min jieħu ħsieb minn naħa tal-uffiċju tagħna, min jagħmel il-clearance. Jgħid li min naħa tiegħu kellu kollox sew, infatti għalhekk talab lil Valetta Port permess u tawh clearance għax min naħa tiegħu kien kollox sew. Mistoqsi kienx jaf kemm hemm ammont jgħid li ma kienx jaf, kien jaf li kien hemm il-flus imma l-ammont ma kienx jaf. Mistoqsi kif kien ippakjat dan il-pakkett jgħid li kien ġo borza tal-karti magħluq bit-tape aħmar mdawwar sew u ma tistax tara kemm kien hemm ġewwa fih.

Mistoqsi x'kienu l-istruzzjonijiet qal li kienu li '*Il-pakkett kif nasal mal-vapur intihom lill-kaptan, jinzlu n-nies u naghmel crew change.*' Jgħid li meta ġew is-suldati fuqu kien bejn wieħed u ieħor qisu xi sitt mili l-bogħod mill-port, mill-port għall-border line hemm erbatax-il mil, jiġifieri kien għadu lanqas qabeż in-nofs. Jgħid li dawn mhux darba jew tnejn jitbiddlu l-pjanijiet u jdahhluh fil-bunkering area. Jgħid li l-bunkering area number 3 qiegħda eżatt border line mal-border line tat-tnax-il mil. Jgħid li mhux darba jew tnejn kienu jitbiddlu l-pjanijiet u jdaħħluh fil-bunkering area. Jgħid li dakinhar kellu x-xogħol ma vapuri oħra.

In kontro-eżami mistoqsi jaqbilx li fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju dak in-nhar li twaqqaf, wara li ġie arrestat u niżżluh id-depot tkelmu hu u x-xhud, wieġeb iva. Ikkonferma wkoll li offrielu d-dritt tal-Avukat u kien ikkonsulta mal-avukat qabel ma nvestigah. Ikkonferma wkoll li kien spjegalu li l-imgħallem ċempillu u qallu biex jistennew biex innewwilu flus biex joħroġhom. Huwa ikkonferma li xehed li kienet responsabbilta ta' ħaddieħor li jiddikjarahom u li hu minn naħa tiegħu kellu kollox sew. Jgħid li tahomlu Michael Zammit. Mistoqsi x'għamel bħala l-kaptan biex

jivverifika qabel jitlaq mill-moll u talabx permess biex iħalli t-territorju , x'agħmel biex jivverifika jekk dawn id-dikjarazzjonijiet sarux qabel titlaq minn mal-moll, jgħid '*Li kieku minn naha tieghi ma kienx hemmx il-permessi u ma kienx hemm il-clearance li xi hadd minn tal-kumpanija mar jaghmel il-clearance, il-Valletta ma kinitx ittini permess biex nohrog.*' Mistoqsi x'ivverifika u x'talab lil Michael Zammit biex jara d-dikjarazzjonijiet li saru qal li ma talbu xejn għax minn naħa tal-uffiċċju jieħdu ħsieb il-karti. Jgħid li min naħa tiegħu kien clear. *Jgħid 'In fatti ghalhekk kien hemm il-clearance ghax dawk kienu jafu minn filghodu x'hemm xoghol, allura la kien marru jaghmlu l-clearance ghamlu l-clearance ta' kollox'*. Jgħid li min naħa tiegħu ma kellux għalfejn joqgħod isaqsi għax la ġab l-imgħallem dak l-ammont, ma jaħsibx li kellu intenzjoni ħażina li jġib dak l-ammont u ma jkunux iddikjarati, allura ma kellux għalfejn joqgħod jieħu ħsieb għax hu sempliċement jieħu l-ordnijiet mingħand l-imgħallem ta' fuqu.

L-uffiċjal prosekutur qal li skont l-istqarrija tal-imputat, irrisponda li jaf li l-kaptan huwa l-persuna li r-responsabilta' tieqaf miegħu fuq il-bastiment dment li jkun telaq minn mal-port. Ix-xhud ikkonferma dan. Mistoqsi kinitx l-ewwel darba li intalab iwassal ammonti ta' flus wieġeb li iva. Jgħid li kien ser jgħaddihom lil kaptan tal-vapur. Mistoqsi jekk kienx informa lil xi ħaġa meta talab permess biex jitlaq li hu għabba xi flus fuq il-bastiment qabel ma telaq, wieġeb li le l-proċedura ma tkunx hekk. Jispjega li '*Il-procedura nitolbu l-Valletta port permess biex nohorgu barra mit-territorju u ttina l-go ahead.*'

Mistoqsi '*U fuq il-procedura mal-baggage room, li suppost tiddikjara t-tghabija, int wara li gejt, wara li rcivejt dawn il-flus, ghamilt xi dikjarazzjoni?*' Wieġeb '*Le ghax il-karti mbaghad izommhom minn naha tal-ufficcju*', mistoqsi '*.. int wara li gejt in pussess ta' dawn il-flus u nkarigawk biex tohroghom, int ghamilt dikjarazzjoni mal-baggage room? Iva jew le*' Wieġeb '*Le*'.

In ri-eżami ikkonferma li meta ġew il-flus għandu kien diġa fuq il-vapur u kienu qegħdin jistennew minn ħin għall-ieħor biex jitilqu l-barra. Mistoqsi mill-

prosekuzzjoni jekk il-vapur kienx marbut mal-moll wieġeb li iva u mistoqsi jikkalkula kemm hemm boghod minn hemm sal-baggage room li kieku kellu jmur jagħmel dikjarazzjoni wieġeb li bogħod ma kien hemmx imma l-proċedura mhux dik li jagħmlu huma. Dwar il-proċedura jgħid li '*hija li int trid tmur baggage room, tiddikjara li hiereg barra t-territorju u x'ghandek affarijiet. Dan bhal ezempju jekk jidhol vapur kwalunkwe port, mhux ha jinzel il-kaptan jaghmel il-clearance, hemm l-agent illi jaghmel il-clearance. Issa f'dan il-kaz kien hemm l-agent tal-kumpanija u hu ried jagħmel il-clearance. Dan l-ebda vapur ezempju ha nsemmu vapur normali tal-Freeport jew il-Katamaran, l-ebda kaptan ma jinzel jaghmel il-clearance hu. Hemm l-agenti jagħmlu l-clearance u l-agenti jieħdu ħsieb.*' Huwa kkonferma li s-sid ġie jagħtih il-flus.

Ikkunsidrat;

Illi in breve il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013), l-appellant kien xogħol bħala kaptan fuq il-lanċa bl-isem ta' Sea Storm bin-numru 12521;
2. Illi l-appellant ġie mgħoddi l-ammont ta' ħames mija u tletin elf ewro (€530,000) sabiex huwa jgħaddihom lil Kaptan ta' vapur ieħor barra l-ibħra ta' Malta;
3. Illi l-appellant hekk kif kien għadu fl-ibħra ta' Malta madwar sitt mili nawtiċi 'l barra mill-Port il-Kbir[1], twaqqaf mill-Forzi Armati u fil-kabina f'basket instab pakkett li wara ġie kkonfermat li kien fih ħames mija u tletin elf ewro (€530,000);
4. Illi ma rriżultax li saret id-dikjarazzjoni meta persuna tkun ħierġa jew dieħla minn Malta u tkun qiegħda ġġor għaxart'elef ewro (€10,000) jew iżjed;
4. Illi għalhekk inħarġu l-imputazzjonijiet indikati fil-konfront tal-appellant;

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda n-nuqqas ta' mens rea. L-appellant jissottometti li filwaqt li ma hemmx diffikulta li fil-pakkett mogħti mill-armaturi tal-lanċa Sea

[1] Annex 'A' a fol 55 jaqra 'Position of Craft 6.07 NM 76 º (bearing) from GRAND')

Storm kien hemm l-ammont ta' €520,000 pero' fl-istess nifs irid jgħid li dawk kienu ippakjati b'ċertu mod u issiġillati li mhux neċessarjament u awtomatikament l-appellant kien jaf x'fih l-istess pakkett.

L-appellant jgħid ukoll li mhux biss kemm fih il-pakkett imma wkoll kemm kien l-ammont li filfatt kien jaqbez dak li ma setgħax jinqabeż skont ir-Regolament tal-Avviż Legali 149/2007. Jgħid ukoll li l-pakkett ingħata lilu mill-armaturi li għaddew dawn mid-Dwana u lanqas kien raġonevolment deduċibbli kif tgħid l-Ewwel Qorti illi dawn m'għaddewx mill-proċeduri regolari meta kellhom ammont bħal dak.

Jgħid li l-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti hija karenti ħafna minn dawk li huma l-elementi biex filfatt tiġi kkunsidrata il-mens rea. Jgħid ukoll li hemm in-nuqqas tal-fatt materjali fejn l-esponenti ma għaddiex mill-pont tad-dwana fejn kellu jiddikjara u ma ddikjarax, kien diġa fuq il-vapur, jgħid li l-karti tad-dikjarazzjoni ġew formulati mill-armaturi u mhux minnu. Għalhekk ma jistax jingħad li hu kien naqas li jiddikjara għax jgħid li d-dikjarazzjoni ma kinitx tispetta lilu.

Illi dwar li l-appellant jgħid li l-motivazzjoni fis-sentenza appellata hija karenti, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza appellata fejn ikkunsidrat li '*bhala l-kaptan tal-bastiment Sea Storm, l-imputat kien responsabbli ghal min ikun fuq id-dgħajsa kif ukoll ta' dak li kien qed jingarr fuqha. Huwa kien responsabbli mill-basket u l-flus ta' go fih, mertu ta' din il-kawza L-imputat kellu l-obbligu li jiddikjara tali somma ta' flus, haga li huwa evidentement ma ghamilx u kien jidher car li ma kienx ser jaghmel. Huwa telaq minn mal-moll u ma ddikjarax dawn il-flus.*

*Irriżulta sodisfaċentement illi ma kienet saret ebda dikjarazzjoni tal-flus de quo - minn hadd. In oltre, irrizulta illi meta l-membri tal-AFM interċettaw il-lanċa Sea Storm u telghu fuqha, apparti l-proceduri normali li huma jaghmlu, huma staqsew lill-imputat, bhala l-kaptan, jekk kellux cargo u jekk kellux xi haga ta' valur. L-imputat dejjem wieġeb kategorikament fin-negattiv, minkejja li kien jaf sew li kellu basket mimli flus.*

*L-intenzjon ta' l-imputat, u cioe' li ma jiddikjarax il-flus de quo, hija deducibbli legalment u ragonevolment mill-komportament ta' l-imputat kif rizultanti mill-provi.*

*Din il-Qorti qieset, f'dan il-kuntent, is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta (Mag. Dr. A. Micallef Trigona) tas-17 ta' April 2012 flismijiet "il-Pulizija vs Khalil Hamed" (li ghalieha saret referenza mid-difiza).*

*L-actus reus u l-mens rea gew ghalhekk ippruvati sodisfaċentement skond il-liġi.*'

Għalhekk jirriżulta li għalkemm is-sentenza appellata mhijiex waħda voluminuża, hija għamlet il-kunsiderazzjonijiet tagħha qabel ma għaddiet biex issib il-ħtija.

Ikkunsidrat;

Ill din il-Qorti tibda' billi tippuntwalizza li għalkemm l-appellant fl-appell tiegħu isemmi li kien hemm l-ammont ta' €520,000 skont il-provi jirriżulta li kienet qiegħda tinġarr is-somma komplessiva ta' €530,000.

L-Ewwel Qorti qieset li l-elementi tal-actus reus u l-mens rea ġew ippruvati. Fl-appell tiegħu jirriżulta li l-appellant qiegħed jissottometti li ma kienx hemm il-*mens rea*, liema prova kellha tinġieb mill-prosekuzzjoni. Jgħid ukoll li d-dikjarazzjoni ma kinitx tispetta lilu.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'The Police (Inspector Maurice Curmi) vs ACKARI FATHI SALEH'**[2] ġie kkunsidrat li:

*'The general conditions of criminal responsibility are indicated with sufficient accuracy in the legal maxim "actus non facit reum nisi mens sit rea". This proves to show that an act cannot be guilty in itself, it must be accompanied by a guilty mind. In other words there are two conditions which have to be fulfilled before criminal responsibility can rightly be found, and*

[2] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar id-19 ta' Mejju, 2014 (1/2014)

*we may distinguish these two conditions as a material condition (actus reus) and a formal condition (mens rea).*

*The material condition is the doing of an act by an individual which violates the rights of others. The formal condition is the mens rea, the guilty mind with which the act was committed. It is thus of vital importance that a look at the mental attitude of the doer is given before the law can justly punish. Because there are instances when the mind is innocent and the act is heneous and thus objectively wrongful. The material badness of an act depends on the actual nature circumstances and consequences of it, whilst its formal badness depends solely on the state of mind and the will of the doer.*

*The mens rea includes two mental attitudes of the doer towards the deed. A person is criminally responsible for those wrongful acts which he does wilfully, here there is the wrongful intention (dolus) and negligently culpable negligence (culpa).*

*Only when either of these two attitudes happen that the actus is accompanied by the mens rea, and thus the material and formal condition co exist. If there is no intention or culpable negligence, the doer would be exempted from criminal responsibility.*

*Intention, in general, is the purpose or design with which an act is done. It is the fare knowledge of the act coupled with the desire of it, such fare knowledge and desire being the cause of the act. An act is intentional if it exists in idea, before it exists in fact.* ***Holmes*** *says in his book* ***Common Law*** *- [3] that :*

*"intention resolves itself into two major issues - that of foresight and that of wish, desire."*

*Therefore an act is intentional when every part of it corresponds to the precedent idea of it which was present in the doer's mind and of which it is the outcare of realisation.*

*Generally this intention is the combined operation of the intellect and will. But in criminal law it is clear that the word 'intent' is used in a wider sense and in fact* ***Carrara*** *defines criminal intent dolus as the more or less perfect intention of doing an act which is known to be contrary to law. It is not necessary that the wrong doer knows that he was breaking the*

[3] page 53

*law, because of the principle ignoratia iuris neminam excusat but that the doer knew that he was doing a wrong, in other words that his act was injurious to a right of others protected by criminal law. As* ***Kenny***[4] *-*

*"in all ordinary crimes the psychological element which is thus indispensable may be fairly accurately summed up as consisting simply in intending to do what you know to be illegal."*

*This element requires:*

*1. the power of violation, i.e. that the offender must be able to help doing what he does;*

*2. knowledge - that what the offender is doing is wrong;*

*3. foresight of such circumstance.*

*Infact,* ***Antolisei*** *in his book -* ***Manuale di diritto penale*** [5] *says that for a doer to be found giulty of a crime it is essential the existence of dolo.*

*a. la rapresentazione o cioe' la visione anticipata dell fallo che costituisce il reato (momento conoscitivo o intelletuale);*

*b. la risoluzione seguita da uno sforzo del volere diretto alla realizzazione del fatto rappresentato (momento volitivo).'*

Fl-istess sentenza ċitata l-Qorti illiberat lill-imputat mill-akkużi wara li għamlet numru ta' kunsiderazzjonijiet fosthom li '*It appears to the satisfaction of the Court that the accused was consistent in his version of events as from the early stages of this investigation from the moment he released his statement. He never had any intention to avoid declaring such money so much so that it was he himself who informed the official of his income upon arrival and of his date of departure, so if he had anything to hide, he would not have been so sincere in his approach.*' (Emfażi miżjuda u d-dettalji ta' referenzi ċitati fil-kawża jinsabu fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

---

[4] page 39 of his book **Criminal Law**
[5] 1975 edition (fol 271)

L-appellant kemm quddiem l-Ewwel Qorti u anke fir-rikors tal-appell għamel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs Khalil Hamed'**[6]. F'dik is-sentenza il-Qorti kienet illiberat lill-imputat wara li fost kunsiderazzjonijiet oħra inkluż li kien staqsa fejn isiru dikjarazzjonijiet, ikkunsidrat li:

*'Intant, in vena legali, r-reat li bih l-imputat huwa mixli, huwa delitt u jirrikjedi l-prova tal-'actus' u l-'mens'. Fil-konfront tal-ewwel l-provi huma cari fis-sens li l-imputat kellu ammont eccedenti dak konsentit meta kien l-ajroport biex isiefer. Mhux l-istess ghat-tieni billi jippermani aktar minn dubbju kemm l-imputat kellu dik l-intenzjoni li tirrikjedi l-ligi li jibqa' hiereg b'dak l-ammont ta' flus ecceddenti dak permess u jevadi l-obbligi imposti fuqu mill-liġi.'*

Illi għalhekk din il-Qorti jeħtieġ li tikkunsidra jekk l-appellant kellux dik l-ixjenza, ossia l-intenzjoni li jibqa' ħiereġ b'ammont ta' flus li jeċċedi l-għaxart'elef ewro (€10,000) mingħajr ma jagħmel id-dikjarazzjoni. Renne Aquilina fix-xhieda tiegħu tas-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) spjega li '*Bdejna nfitxu, ergajt staqsejtu ghidltu "qed titrasporta xi cargo, xi taghbija, qed titrasporta xi haga ta' valur abbord?" u l-kaptan qalli "Le". Komplejna bit-tfitxija u fil-bridge innutajt basket iswed zghir u li go fih sibna pakkett imgerzer bit-tape go pakkett tal-karti u go fih kien hemm karta li kienet qed tammonta ghal roughly hames mitt elf Euro (€500,000)*' Mistoqsi fejn instab il-basket qal li fil-bridge ma ġemb il-kaptan. Fir-rapport immarkat bħala Dok RA a fol 51 intqal li '*Whilst carrying out routine boarding questions, the skipper (Mr D. Gouder) stated that he had no cargo besides the passengers on board. During the search phase the skipper was once again asked if he was transporting anything of high value and yet again he declared that no precious cargo was on board.*' Skont l-istess rapport '*The undersigned noticed a small black back-pack inside the bridge and when enquired about the content of the back-pack, the skipper replied that there was a substanital amount of cash totalling to approximately € 530, 000.*'

[6] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-17 ta' April, 2012

L-Ispettur Rennie Stivala fis-seduta ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) spjega li '*L-irregolarita li rrizulta f'dak l-istadju kif wasalna kienet illi wara tfitxija li saret fil-lanca, fil-gabina fejn kien hemm il-kaptan kien hemm basket iswed illi fih kellu basket tal-karti qisu mgezwer bit-tape u go fih kien hemm hames mija u tletin elf Euro (€530,000) cash. Il-kaptan gie mistoqsi jekk dawn humiex flus tieghu u l-kaptan qalilna li ma kienux flus tieghu ovjament, il-kaptan qalilna li kienu flus li kienu nghatawlu mis-sid tal-kumpanija.*'

L-appellant Darren Gouder fis-seduta tal-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) mistoqsi '*Meta int ircevejthom ghandek l-ammont, kont taf kemm hemm ammont?*' Wieġeb '*Le ma kontx naf, kien hemm pakkett kont naf li hemm il-flus imma l-ammont ma kontx naf.*' Jgħid li l-pakkett kien ġo borza tal-karti magħluq bit-tape. Bħala struzzjonijiet jgħid li kellu '*Il-pakkett kif nasal mal-vapur intihom lill-kaptan, jinzlu n-nies u naghmel crew change.*' Mistoqsi x'ivverifika biex jara jekk sarux, jekk ġewx dikjarati wieġeb li '*Jien as such minn naha tieghi ma kellix ghalfejn noqghod insaqsi ghax la gab l-imghallem dak l-ammont, ma nahsibx li kellu intenzjoni hazina li jgib dak l-ammont u ma jkunux iddikjarati, allura ma kellix ghalfejn noqghod niehu hsieb, ghax jien sempliciment niehu l-ordnijiet minghand l-imghallem ta' fuqi*' Jgħid li ma għamilx id-dikjarazzjoni '*ghax il-karti mbaghad izzommhom minn naha tal-ufficcju.*' Jirriżulta li dan mhuwiex każ fejn persuna ma kinitx taf li kellha basket flus abbord, l-appellant mhux biss kien jaf li kellu dan il-basket flus (għalkemm jgħid li ma kienx jaf il-valur) iżda anke kien responsabbli ta' dak kollu abbord bħala kaptan. Fl-istqarrija tal-appellant a fol 12 mistoqsi jikkonferma li f'basket iswed ta' proprjeta tiegħu instabu €530,000 fil-kabina tal-istess lanċa, wieġeb '*Iva. Jien nghid li kelli basket maghluq bit-tape li kien fih xi flus li ghaddieli l-imghallem. Mistoqsi nzid li ma nafx kemm kien fih flus ezatt.*'

F'parti mill-imsemmija stqarrija ġie mistoqsi:

*M. Danw il-flus tieghek?*
*T. Le.*

*M. Min tak dawn il-flus??*
*T. Michael Zammit.*

*M. Meta taghhomlok?*
*T. Illum ftit qabel ma tlaqna minn mal-moll. Cempili u qalli biex nistennih halli jaghtini l-flus.*

*M. Għalfejn tak dawn il-flus?*
*T. Biex naghtihom lil kaptan tal-Jameela Star, li hija dghajsa ohra (bunker barger) tal-kumpanija Go Fuels.'*

Il-**Kapitolu 234, l-Att Dwar il-Bastiment Merkantil**i fl-artikolu 100 jiprovdi għad-dmirijiet u responsabbilta' tal-kaptan. Dan jaqra kif isegwi:

*(1) Fil-qadi ta' dmirijietu l-kaptan huwa responsabbli għal kull traskuraġni jew kondotta ħażina wkoll jekk il-ħtija tkun żgħira ħafna, u jkun responsabbli għall-ħsara kollha li tinqala' minn nuqqas ta' tħaris ta' xi liġi jew regolament; ir-responsabbiltàtiegħu tispiċċa biss jekk jintwera li hu eżerċita l-attenzjoni kollha xierqa.*
*(2) Il-kaptan huwa responsabbli għat-tmexxija u għan-navigazzjoni xierqa tal-bastiment, għas-sigurezza tal-bastiment, tal-ekwipaġġ u tal-passiġġieri tiegħu, u huwa responsabbli wkoll li jilqa' malajr, u jistiva, jieħu ħsieb u jiżbarka kif imiss il-merkanzija, u li iżomm id-dixxiplina abbord; u hu għandu jkun abbord fil-ħinijiet kollha matul il-vjaġġ.*
*(3) Il-kaptan huwa responsabbli wkoll għat-telf ta' jew għal kull ħsara lil, oġġetti meħuda jew imqiegħda abbord minn passiġġieri, inkluż kull telf b'serq jew ħsara li ssir, mill-membri tal-ekwipaġġ ħlief f'każ ta' serq jew ħsara li jsir bil-forza ta' armi jew li jsir f'ċirkostanzi li fuqhom il-kaptan ma kellux kontroll.*
*(4) Il-kaptan ma għandux iġorr oġġetti fuq il-gverta mingħajr il-kunsens ta' min jimbarka l-merkanzija, u jekk jagħmel hekk hu jkun responsabbli għal kull ħsara li tiġri minħabba li l-oġġetti jkunu hekk mgħobbija:*

*Iżda, fin-nuqqas ta' ftehim kuntrarju, dan is-subartikolu ma japplikax għal vjaġġi bejn Malta u Sqallija jew Malta u Tripli jew Tuneż jew għal merkanzija li skont l-użu tinġarr fuq il-gverta.*
*(5) Il-kaptan għandu jagħti lis-sidien kont veru u fidil tat-transazzjonijiet u ħwejjeġ oħra dwar il-bastiment fiż-żminijiet raġonevoli kollha li jkun hekk ordnat li jagħmel.*
*(6) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tnaqqas mid-disposizzjonijiet tat-Taqsima IX ta' dan l-Att.*

Issa ma jidhirx li kien hemm kontestazzjoni dwar li l-appellant kien impjegat bħala kaptan u fil-mument li nstabet is-somma flus huwa kien il-kaptan tal-lanċa. Dan huwa anke kkonfermat mill-*employment history* esebita u mmarkata bħala Dok JS a fol 73 et seq, fejn l-appellant fid-data tal-akkużi in mertu kien impjegat bħala ship master ossia kaptan u għalhekk kif tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti bħala kaptan tal-bastiment, l-imputat kien responsabbli għal min kien fuq id-dgħajsa kif ukoll ta' dak li kien qed jinġarr fuqha.

Fl-istqarrija tal-appellant, senjatament a fol 14 mistoqsi '*Ma tafx li ghandek tiddikjara l-ammont ta' flus li jaqbez l-€10,000 fi flus kontanti meta tkun se thalli t-territorju Malti skond il-ligi?*' Wieġeb '*Le jien ma nafx.*'
Issa kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v. Olian Chikh Ali'</u>**[7]:

'*id-difiza ta' l-appellant kienet li ma kienx jaf li kellu jaghmel tali dikjarazzjoni. Fir-rikors ta' appell tieghu jghid illi bhala cittadin sirjan ma setax ikun jaf b'din il-ligi. Dak li ma jghidx pero` hu li mill-istqarrija tieghu jirrizulta li hu mizzewweg mara Maltija, li jahdem hawn Malta u li meta ghamel l-istqarrija fis-17 ta' Frar 2008 qal li kien diga` ilu xi erba' snin Malta. Fi kwalunkwe kaz il-ligi hi wahda pubblikata u pubblicizzata, mix-xiehda tal-fizzjal tad-Dwana Patrick Attard jirrizulta li kien spjegat qabel ma persuna tghaddi mill-passport*

[7] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 2009 (Appell Kriminali numru. 23/2009)

*control, u japplika bis-shih il-principju ignorantia juris neminem excusat. Kif jghid il-Professur Sir Anthony Mamo*[8]*:*

***"It is a principle recognised by all legal systems that ignorance of the law is no excuse for breaking it .... This rule is absolute. Therefore, no invincible ignorance or error will serve for justification .... Moreover, the said rule is general and applies both in respect of crimes and in respect of contraventions and both to subjects as well as to foreigners."***

Ikkunsidrat;

Fl-istess stqarrija meta l-appellant ġie mistoqsi '*Mela ahseb u ara kemm kont se tiddikjara aktar 'il barra minn fejn twaqqaft, li kont qed iġġorr dawk il-flus kollha?*' Wieġeb '*Jien m'ghandix ghalfejn niddikjara, dak xoghol l-accountant. Lili talbuni nwassal il-flus biss bhala kaptan, flimkien ma xoghol iehor.*' Illi hawnhekk tirriżulta kontradizzjoni ċara, ossia jekk ma kienx jaf li kellha ssir din id-dikjarazzjoni jew inkella jekk skont hu din id-dikjarazzjoni ma kinitx tispetta lilu, x'kienet ir-raġuni li meta abbord ġie mistoqsi jekk kienx qiegħed jittrasporta xi ħaġa ta' valur, huwa wieġeb li ma kellux? Jekk ma kellux dik il-*mens rea*, dik ix-xjenza, x'waqfu milli mhux biss iwieġeb il-verita' dwar is-somma abbord iżda addiritura jkun hu stess li jindika dan il-pakkett flus?

In oltre, il-prosekuzzjoni resqet prova li lanqas kien hemm il-ħtieġa li l-kaptan jiftaħ il-pakkett u jgħodd l-ammont biex jara jeċċedix l-għaxart' elef ewro (€10,000) peress li għalkemm il-pakkett kien imgeżwer, fil-basket kien hemm karta li tindika l-ammont li kien qed jiġi trasportat u dan kif jidher fl-ewwel ritratt a fol 58. L-appellant bħala kaptan kien fir-responsabbilta' tiegħu li jkun jaf x'inhu jġorr fuq il-lanċa. Din il-Qorti bħall-ewwel waħda hija konvinta li l-appellant kien jaf li ma kinitx saret id-dikjarazzjoni sabiex jinħarġu dawn il-flus, u dan għas-sempliċi raġuni li meta mistoqsi abbord, huwa nnega li kellu xi ħaġa ta' valur abbord. L-appellant jitfa r-responsabbilta għal mili ta' karti fuq ħaddieħor, liema asserzjoni ma treġġix, la

[8] Notes on Criminal Law, 1960 edit. p. 95 – 96 (Tinsab fin-nota ennumerata wieħed (1) fin-noti ta' qiegħ il-paġna tal-kawża ċitata)

darba l-flus għaddew lilu, huwa kien obbligat li jiddikjara l-ammont li kien ser jinħareġ minnu minn Malta. L-appellant fl-appell tiegħu fis-sezzjoni dwar il-fatti fil-qosor jgħid li '*L-armaturi tagħha f'ġurnata minnhom imsemmija fiċ-ċitazzjoni qabdu u tellawlu fuq il-vapur ġo pakkett issiġillat ammont ta' flus, liema pakkett huwa kellu jikkonsenja...*'. Minn imkien ma jirriżulta li kif jgħid l-appellant '*qabdu u tellawlu*', l-appellant stess fl-istqarrija tiegħu jgħid li qabel ma telqu minn mal-moll ġie l-imgħallem u għaddielu l-flus. L-appellant kien jaf eżattament dak li kien qiegħed jiġri, din l-ixjenza hija kkonfermat mill-fatt li huwa nnega li kellu xi ħaġa ta' valur abbord u dan kif anke jirriżulta mir-rapport a fol 51.

L-appellant fl-appell tiegħu jgħid ukoll li qatt ma kellu dawk il-flus fil-pont li għandu jiddikjarahom u baqa għaddej. Din hija ukoll asserzjoni żbaljata peress li l-flus ġew mgħoddija qabel ma salpa u għalhekk kellu l-opportunita' kollha sabiex jottompera ruħu mal-liġi u jagħmel tali dikjarazzjoni. In oltre, l-fatt li kien diġa' ħareġ sitt mili nawtiċi l'barra l-port il-kbir minkejja li fl-ibħra territorjali u l-fatt li ddikjara li kien sejjer madwar tlettax-il mil nawtiku 'l barra minn Malta skont l-istqarrija a fol 14 jikkonferma li l-appellant kien jaf x'inhu jagħmel u kien jaf li dawn l-ammonti kbar qed jiġu trasportati mingħajr dikjarazzjoni, żġur li ma kellu l-ebda intenzjoni li jsalpa lura biex jagħmel id-dikjarazzjoni qabel ma jaqbeż l-ibħra territorjali.

Is-sottomissjoni tal-appellant li l-pakkett ingħata lilu mill-armaturi, li għaddew dawn mid-Dwana u li lanqas kien raġonevolment deduċibbli kif tgħid l-Ewwel Qorti illi dawn m'għaddewx mill-proċeduri regolari meta kellhom ammont bħal dak ma treġġix. Michael Zammit fis-seduta ta' nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax (2015) meta istoqsi '*Jigifieri mill-post tad-dwana fejn tiddikjarahom min ghadd int jew Darren?*' Wieġeb '*Ahna ma ghaddejniex ghax ma konniex nafu illi rridu niddikjarawhom.*' Mistoqsi in kontro eżami '*Ara nghidx sewwa li hemmhekk hemm access liberu ghal kullhadd, ma tridx tghaddi mill-ebda gate tad-Dwana fejn mort bihom inti?*' Wieġeb '*Le.*' L-appellant jgħid li hemm in-nuqqas tal-fatt materjali peress li huwa ma għaddiex mill-point tad-dwana fejn kellu jiddikjara u ma ddikjarax iżda kien diġa

fuq il-vapur meta ġew mgħoddija l-flus. Din il-Qorti ma taqbilx li l-fatt li l-kaptan kien jinsab fuq il-vapur meta ġie mgħoddi l-flus jimplika li ma kienx jaf li ma kinitx saret id-dikjarazzjoni in kwistjoni. Anzi l-kuntrarju, il-fatt li l-appellant kien infurmat li l-pakkett kien fih flus, il-fatt li żammu ħdejh fejn filfatt instabb u l-fatt li l-appellant innega li kellu xi ħaġa ta' valur ilkoll jikkonfermw li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib li l-actus reus u l-mens rea ġew ippruvati sodisfaċentement skont il-liġi.

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda l-konfiska tal-flus. L-appellant dwar il-Kapitolu 233 tal-Liġijiet ta' Mala jgħid li '*..din il-Leġislazzjoni daħlet biex ikun hemm sempliċiment reporting dwar il-ħruġ ta' flus u ma kellux jikkostitwixxi forma ta' Exchange Control li jkun ikkammuffat taħt xi regolament.*'

Jgħid li l-leġislazzjoni turi illi kien hemm regolamenti li kellhom jinbdilu u dan b'effett fis-sena elfejn u sebgħa (2007) minħabba li r-regolamenti li l-Gvern Malti għamel ma kienux konformi mal-Leġislazzjoni Ewropeja. Jissottometti li l-provvedimenti tiegħu kif magħmul jivvjola l-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

Din il-Qorti ser tibda billi tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Paul Vassallo) versus Christian Callus'**[9] fejn ġie kkunsidrat li:

***'L-Avviż Legali 149/2007***

*16. Dan l-Avviż Legali daħal fis-seħħ fil-15 ta' Ġunju 2007. F'dawn ir-regolamenti saru bidliet żgħar biss mill-Avviż Legali 463 tas-sena 2004. Zdiedet definizzjoni, inħolq l- obbligu*

[9] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-27 ta' Jannar, 2010 (Numru 716/2006)

*fuq il-Kontrollur tad-Dwana biex iżomm database u biex ta' kull ġimgħa jibgħat l-informazzjoni lill-Korp għall- Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja u l-istess uffiċjal ingħata s-setgħa li jibgħat informazzjoni skond ir- Regolament (KE) Nru 1889/2005.*

*17. Biss, permezz tar-regolament 6, ir-regolamenti tas- sena 2004 msemmija qabel (A.L.463 ta' l-2004) kienu revokati.*

*18. Id-difiża ssottomettiet li r-regolamenti kienu revokati.(Ara fol 45).*

*19. Il-Qorti tinnota li r-regolament kien abrogat iżda dan bir-regolamenti l-ġodda r-reat antik baqa' hemm xorta waħda . Jiġifieri li l-leġislatur ma kienx biddel fehmtu dwar ir-reat għax xorta żammu hemm. La ħoloq liġi anqas vantaġġjuża għall-imputat u lanqas xi waħda aktar vantaġġjuża. Għalhekk dan mhux il-każ deskritt mill- Professur Sir Anthony Mamo fejn l-Istat neħħa r-reat minn fuq il-lista ta' reati għaliex ma kenitx għadha tinħass ħtieġa li titrażżan ċerta mġiba.*

*'If before the man is tried the legislature cancels the criminal character of the act with which he stands charged, there is no longer any justification for inflicting punishment upon him. The action of the State, in repealing the former law which prohibited the act, clearly shows that the public peace and order and the public welfare are no longer endangered or harmed by such type of act and that, therefore, the State has no longer any interest in repressing it, and, consequently, no right to punish it.'*[10]

*20. Ir-regolamenti tant huma identċi li lanqas biss nħasset il-ħtieġa li mar-revoka jkun hemm 'is- Saving' fir-regolament 6 tal-Avviż Legali 149/2007.*

*21. Għalhekk ill-Qorti qed tikkonkludi li r-reat li huwa akkużat bih l-imputat qatt ma tħassar jew għeb mil-Liġijiet Maltin.'*

Din is-sentenza kienet ġiet appellata, liema appell kien miċħud.[11]

---

[10] Mamo Anthony, Professor: Noted on Criminal Law Part 1 page 32. (Tinsab fin-nota ennumerata wieħed (1) fin-noti ta' qiegħ il-paġna tal-kawża ċitata)

[11] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Ġunju, 2010 (Appell Kriminali Numru. 35/2010)

Relevanti hija s-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Carlos Frias Mateo ta' 47 sena, bin Rumando Frias u Altagracia Mateo, imwieled La Romana fir-Repubblika Domenikana, fl-4 ta' Novembru 1963, residenti f'Mijnsherenlaan, 177 B, 3081GM, Rotterdam, l-Olanda u detentur ta' passaport Olandiz bin-numru NJ0526335 u karta ta'l-identita' Olandiza bin-numru IUCH8H9L4 kif ukoll karta ta'l-identita' tar-Repubblika Domenikana bin-numru 026-0100305-2.'**[12] fejn waħda mill-akkużi kienet li:

'*talli fis-26 ta' Settembru 2009 gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fil-Gudja, waqt li kien ha jitlaq minn Malta lejn Brussels fuq titjira KM420, naqas milli jiddikjara li kellu fil-pussess tieghu aktar minn ghaxart elef ewro (€10,000) jew ekwivalenti lill-Kontrollur tad-Dwana.*'

F'dik is-sentenza l-Qorti ma qablitx mad-difiża fejn:

'*...targumenta id-difiza, illi ir-Regolamenti li tahthom jinsab akkuzat l-imputat imorru kontra ir- regolamenti tal-Unjoni Ewropeja u ghalhekk ma ghandhomx isibu applikazzjoni fil-ligi lokali. L-ghan tal- Unjoni Erwopeja huwa illi ikun hemm suq wiehed komuni fejn allura ma ghandhomx japplikaw l-ebda restrizzjonijiet fuq il-moviment tal-flus u il-kapital bejn l-istati membri. Id- difiza isostni illi l-ghan tar-regolamenti kien biss sabiex ma titnehhiex l-exchange control li qabel kienet tezisti f'pajjizna u li kellha titnehha minhabba dak dispost fit- Trattat, u li kwindi il-legislatur inkorporaha f'dawn ir- regolamenti taht titolu differenti.*'

Dik il-Qorti fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat li:

'*... kull stat membru ghandu id-dritt illi ighaddi l-ligijiet kollha necessarji sabiex sahansitra tissalvagwardja is-sigurta pubblika, liema ligijeit madanakollu ma ghandhomx iservu ta' restrizzjoni ghal moviment hieles tal-kapital. Illi ir-regolamenti in dizamina ma ghandhomx bhala skop taghhom illi izommu il-persuna milli johorg minn pajjizna ammont ta' flus li jeccedi l- €10000 jew li il-persuna tigi intaxxata fuq dana l-ammont, izda biss timponi obbligazzjoni illi issir dikjarazzjoni f'dana ir-rigward.*'

[12] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-5 ta' Awwissu, 2011 (Numru.1010/2009)

L-Avukat Ġenerali kien appella minn din is-sentenza stante li l-Ewwel Qorti għalkemm sabet ħtija tat-tieni imputazzjoni rigwardanti l-ħruġ ta' ammont li jeċċedi l-għaxart'elef ewro (€10,000), ma kinitx sabet ħtija tal-ewwel imputazzjoni rigwardanti l-*money laundering*, liema appell ġie milquh.[13]

Ikkunsidrat;

Illi l-artikolu 63 tat-Trattat Dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ex Artikolu 56 TKE) jaqra:

*1. Fil-kwadru tad-dispożizzjonijiet indikati f'dan il-Kapitolu, kull restrizzjoni fuq il-moviment tal- kapital bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi tkun projbita.*

*2. Fil-kwadru tad-dispożizzjonijiet indikati f'dan il-Kapitolu, kull restrizzjoni fuq pagamenti bejn l- Istati Membri u l-Istati Membri u pajjiżi terzi għandha tkun projbita.*

Filwaqt li l-Artikolu 65 (ex Artikolu 58 TKE) jaqra:

*1. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 63 m'għandhomx jippreġudikaw id-dritt ta' l-Istati Membri:*

*a) li japplikaw id-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi fiskali tagħhom li jagħmlu distinzjoni bejn persuni li jħallsu t-taxxa li mhumiex fl-istess sitwazzjoni rigward il-post ta' residenza tagħhom jew rigward il-post fejn il-kapital tagħhom ikun investit.*

*b) li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jevitaw il-ksur tal-liġi u tar-regolamenti nazzjonali, partikolarment fil-qasam fiskali u fil-qasam tas-superviżjoni prudenzjali ta' l-istituzzjonijiet finan zjarji, jew li jimponu proċeduri għal finijiet ta' informazzjoni amministrattiva jew ta' statistika għad-dikjarazzjoni ta' movimenti ta' kapital, jew li jieħdu miżuri li jkunu ġustifikabbli minħabba fl-interess pubbliku jew is-sigurtà pubblika.*

---

[13] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Jannar, 2012 (Appell Kriminali numru 356/2011)

*2.Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà ta' restrizzjoni fuq id-dritt ta' stabbiliment li huma kompatibbli mat-Trattati.*

*3. Il-miżuri u l-proċeduri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-moviment liberu ta' kapital u ħlasijiet kif definit fl-Artikolu 63.*

*4. Fin-nuqqas ta' miżuri f'applikazzjoni ta' l-Artikolu 64(3), il-Kummissjoni jew, fin-nuqqas ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mit-talba ta' l-Istat Membru kkonċernat, il-Kunsill, jista' jadotta deċiżjoni li tiddikjara li l-miżuri fiskali restrittivi adottati minn Stat Membru li jikkonċernaw pajjiż terz wieħed jew aktar, għandhom ikunu kkunsidrati kompatibbli mat-Trattati ġaladarba dawn ikunu ġustifikati minn wieħed mill-objettivi ta' l-Unjoni u jkunu kompatibbli mal-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu fuq talba minn Stat Membru.'*

L-artikolu 7 tal-Kapitolu 233 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:

*'Il-Ministru jista' b'regolamenti jeħtieġ persuna tiddikjara lill-Kontrullur tad-Dwana meta dik il-persuna tkun importat jew esportat biljetti tal-flus u muniti li jkollhom l-euro bħala denominazzjoni tagħhom u, jew f'muniti barranin, u, jew munita barranija, u, jew strumenti monetarji, u, jew metalli prezzjużi, u, jew ħaġar prezzjuż ġewwa jew minn Malta f'dawk l-ammonti skont ma jista' jkun speċifikat f'regolamenti u li tiżvela kull informazzjoni oħra bħal dik skont ma jista' jiġi preskritt f'regolamenti dwar kull importazzjoni u esportazzjoni bħal dawk.'*

Filwaqt li l-artikolu 8 jaqra*: 'Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, il-Ministru jista' wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika b'regolamenti li jkunu jeħtieġu lil xi persuna f'dak iż-żmien u b'dak il-mod skont ma jista' jiġi ordnat li jagħti lill-Ministru, jagħti dik l-informazzjoni, prospett jew dettall ieħor li jkollu x'jaqsam ma' transazzjonijiet esterni skont ma jista' jinħtieġ li jiġbor, jikkompila u jxerred informazzjoni statistika dwar transazzjonijiet esterni.'*

Għalhekk ma jirriżultax li hemm xi preklużjoni milli persuna toħroġ xi ammont ta' flus barra il-pajjiż. Il-Leġislazzjoni Sussidjarja 233.07 hija ċara u timponi biss obbligu li ssir dikjarazzjoni skont il-formola stabbilita meta persuna tkun ser toħroġ minn Malta ammont ta' flus li jeċċedi l-għaxart'elef Ewro (€10,000).

Għaldaqstant, din il-Qorti ma taqbilx li tirriżulta xi vjolazzjoni tal-Leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropeja dwar il-Freedom of Capital kif qiegħed jissottometti l-appellant. Ir-regolament 3(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 233.07 jiprovdi li '*Kull persuna dieħla jew ħierġa minn Malta, jew li tkun għaddejja fi transitu minn Malta u li tkun qegħda ġġorr somma ta' valur ta' €10,000 jew iżjed fi flus għandha l-obbligu li tiddikjara dik is-somma lill-Kontrullur.*'

Ir-regolament 3(2) jaqra li '*L-obbligu li tiġi dikjarata kull somma bħal dik imsemmija fis-subregolament (1) ma jseħħx kemm-il darba dik il-persuna ma timliex il-formola li tapplika għal dan il-każ li tidher fl-Iskeda, u tippreżenta dik il-formola lill-Kontrullur meta tkun dieħla jew ħierġa minn Malta, jew għaddejja fi transitu minn Malta.*'

Għalhekk persuna dieħla jew ħierġa minn Malta b'somma ta' għaxart'elef Ewro (€10,000) jew iżjed mhijiex prekluża milli tagħmel dan iżda għandha l-obbligu li tiddikjara dik is-somma.

Ikkunsidrat;

Illi r-regolament 3(5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 233.07 huwa ċar u jiprovdi speċifikament li:

'*Barra mill-piena li tista' tagħti lil persuna misjuba ħatja ta' reat taħt is-subregolament (4), il-qorti* ***għandha*** *tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-flus mhux dikjarati li jkunu jeċċedu €10,000 jew tal-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli.*' (Emfażi miżjuda)

Kif tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti, filwaqt li l-piena ta' multa skont id-dicitura tal-liġi f'regolament 3(4) tal-Avviż Legali 149 tal-2007 kif emendat, ossia kif jidher fil-leġislazzjoni sussidjarja 233.07 tagħti diskrezzjoni lil Qorti, ir-regolament 3(5) tal-Avviż Legali 149 tal-2007 kif emendat taqra **_'ghandha'_** li tfisser li fi kliem l-Ewwel Qorti '*l-Qorti trid necessarjament tordna l-konfiska tas-somma ta'* €*520,000 (tal-flus mhux dikjarati li jkunu jeccedu* €*10,000*);' (Emfażi miżjuda)

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. Angelo Gafa') Vs Bujaila Ramadan Ali Benshibban'**[14] ġie kkunsidrat li:

'*L-artikolu 5 tal-Avviz Legali 149/2007 tal-External Transactions Act jghid car u tond li "the Court shall ....... order the forfeiture in favour of the Government of the undeclared amount in excess of LM4293 or the whole amount when the cash is indivisable".*

*Il-kliem huwa car u ma jaghti ebda lok ghall- interpretazzjoni.*

*Il-konfiska tal-flus hija xi haga tassattiva illi ssegwi d- dikjarazzjoni ta' htija w ma hemmx alternattiva ohra. Minkejja l-buona fede tal-appellant, ladarba kiser il-ligi u l- injoranza tal-ligi mihiex difiza, allura kellha bil-fors tapplika l-konfiska.*'

Ikkunsidrat;

L-appellant jissottometti wkoll li l-flus diġa ġew konfiskati b'sentenza li ngħatat kontra l-persuni illi jikkostitwixxu is-soċjeta' Go Fuels Ltd. Għalkemm l-appellant ma jsemmix speċifikament l-okkju tas-sentenza li qiegħed jirreferi għaliha fl-appell tiegħu, jidher li qiegħed jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Rennie Stivala) vs Michael Zammit Anthony Zammit'**[15] ġew akkużati li:

[14] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Mejju, 2011 (Appell Kriminali Numru. 40/2010)
[15] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-17 ta' Settembru, 2014 (690/2014)

*1. Bhala diretturi tal-Kumpanija Go Fuels, numru ta' registrazzjoni C 54064 u/jew bhala s-sidien tal-flus in kwistjoni, naqsu li jiddikkjaraw lill- Kontrollur tad-Dwana li kienu se johorgu minn Malta jew mill-ibhra territorjali Maltin l-ammont ta' €530,000 fi flus kontanti permezz tal- lanca bl-isem ta' Sea Storm bin-numru IMO 12521, bi ksur ta' Artikolu 3 tal-Avviz Legali 149 tal-2007 (Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 233 tal- Ligijiet ta' Malta);*

*2. Irrendew ruhhom komplici fl-esekuzzjoni ta' delitt meta taw istruzzjonijiet biex isir dan id-delitt;*

*3. Uaktar talli fornew l-ghodod jew mezzi ohra biex isir dan id-delitt'*

F'dik is-sentenza, il-Qorti apparti piena oħra, ordnat il-konfiska tas-somma ta' ħames mija u għoxrin elf Ewro (€520,000) favur il-Gvern ta' Malta, liema piena hija waħda tassativa. Jirriżulta li għalkemm l-Ewwel Qorti skont l-osservazzjonijiet li għamlet, qieset dik is-sentenza, hija xorta ordnat il-konfiska tas-somma ta' ħames mija u għoxrin elf Ewro (€520,000).

La darba sentenza oħra kontra d-diretturi tal-kumpannija Go Fuels, kienet diġa ordnat il-konfiska tal-flus, l-ordni tal-konfiska tas-somma ta' ħames mija u għoxrin elf Ewro (€520,000) magħulha minn l-Ewwel Qorti fis-sentenza hawn appellata hija sempliċiment dikjaratorja u dan tenut kont tal-fatt li din il-konfiska hekk kif ikkunsidrat hija waħda tassattiva. Stante li lanqas ma jirriżulta li kien hemm vjolazzjoni tal-Leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea kif jallega l-appellant, din il-Qorti qiegħda tiċħad dan it-tieni aggravju.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet aggravju jirrigwarda l-konfiska tal-lanċa. L-Ewwel Qorti ordnat ukoll il-konfiska tal-lanċa bl-isem "Sea Storm" (12521). Il-leġislazzjoni sussidjara 233.07 ma tiprovdix li l-Qorti f'każ ta' ħtija għandha wkoll tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*.

L-artikolu 23(1) tal-Kapitolu 9 jaqra:

'*Il-konfiska tal-corpus delicti, tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-liġi għad-delitt, ukoll jekk dik il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-liġi, barra minn meta persuna, li ma tkunx ħadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oġġetti*'

L-appellant jissottometti jekk il-prosekuzzjoni kienet qed tqis illi kien hemm kompliċita' bejniethom, konsegwentement il-materja tal-konfiska kienet qed tigi kkunsidrata ampjament taħt dik il-liġi u li s-soċjeta' hija propjetarja tal-vapur, fejn permezz tad-diretturi tagħha ġiet liberata minn tali provvediment, ma jistax issa l-istess provvediment jingħata kontra tagħha f'deċiżjoni li mhijiex parti. L-appellant jargumenta li l-ordni għal konfiska tal-lanċa hija legalment żbaljata peress li mhijiex l-corpus delicti, la hija l-instrument li serva biex sar id-delitt jew inkella kien il-profit tal-istess delitt. Liema konfiska skont l-appellant tikkostiwixxi privazzjoni tad-Dritt tal-propjeta' bi vjolazzjoni tal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeaja għad-Drittijiet tal-Bniedem.

L-appellant jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **'Emanuel Ciantar f'ismu proprju u l-kumpanija Maxkim Limited (C19754) v. Avukat Generali'**[16], liema Qorti fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat:

'*42. Inoltre, kif sottomess mir-rikorrent iz-zamma tal-vettura ma jirrizultax li hi mehtiega ghal xi investigazzjoni in rem jew xort'ohra peress li fir-rigward ta' din il-vettura ma hemmx parti li direttament sofriet hsara minhabba r-reat kommess. Ghaldaqstant ma tarax kif iz-zamma tal-vettura, f'dawn ic- cirkostanzi, u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet legali fuq*

[16] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Awwissu, 2014 (Appell Ċivili Numru. 79/2012/1)

*esposti, tista' titqies li hi fl-interess tal-gustizzja. Din il-Qorti ma tistax tonqos milli ssemmi li, ghalkemm l-interess tal-kollettivita` ghandu jigi kawtelat min-naha l-ohra l- interess tal-privat, f'dan il-kaz sid-il vettura, ma jistax jigi traskurat.*

*43. Ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li l-aggravju tar-rikorrenti appellanti fir-rigward tat-tehid tal-vettura HBD-069 u tal-vettura KIM-324 huwa fondat peress li ma nzammx bilanc gust bejn l-esigenzi tal-interessi generali tal-komunita` u l-htigijiet tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif imharsa bl- Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u b'hekk ir-rikorrenti qeghdin jigu kostretti jgorru piz individwali u eccessiv bi vjolazzjoni tal-istess artikolu.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Francis Bezzina'**[17] ġie kkunsidrat:

'*L-appellant instab hati specifikatament ta' komplicita` skond l-artikolu 42(d) tal-Kodici Kriminali "billi ta l-ammont ta' Lm140 lil [Christopher] Spiteri sabiex dan jixtri d-droga eroina meta kien jaf illi l-flus kienu sejrin jigu wzati ghal xiri ta' droga". Ghalhekk, u anke peress illi mill-provi jidher li l- uzu tal-karrozza kienet purament xi haga incidentali, ma jistax jinghad li l-karrozza in kwistjoni serviet bhala strument sabiex isir l-imsemmi delitt.*'

Fil-każ in eżami, skont li jidher fid-dokument immarkat bħala Dok MS a fol 41, Go Fuels limited 16, Shore Street, Mġarr, Gozo, Malta hija mnizzla taħt '*Name/s, Residence and Description of Owners*'. Michael Savona fix-xhieda tiegħu ta' nhar is-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) jispjega li kien hemm trasferiment tad-dgħajsa minn Medi launch & Supply Services għal fuq Go Fuels. Skont ir-rikors a fol 32 preżentat mis-soċjeta' Go Fuels Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C54064 fejn kienet talbet ir-rikaxx tal-lanċa, kienet iddikjarat li hija proprjetarja tal-lanċa in kwistjoni. Michael Zammit fis-seduta tas-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax (2015) mistoqsi mill-Qorti '*Sur Zammit il-lanca Sea Storm dik ta' min hi?*' wieġeb '*Taghna naghmlu l-conveyance biha.*'

[17] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Frar, 2006 (Appell Kriminali Numru. 232/2005)

Illi kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) vs Jonathan Gatt'**[18]:

*'Illi l-ahhar aggravju tal-appellanti hu l-konfiska tal-vettura tieghu. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-vettura in kwistjoni hi registrata fuq ismu mill-10 ta' Dicembru, 2010. Hu kien xtara din il-vettura minghand Charles Portelli li fil-21 ta' Frar, 2012 kien xehed li l-appellant kien xtara l-vettura bil- kambjali. Hu xehed li appellant kien jonqsu jhallas sitt (6) kambjali ta' mitejn u tletin euro (€230) 'il wahda. L- appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti ma setghet qatt tordna l-konfiska tal-vettura a bazi tal-artikolu 23(1) tal- Kodici Kriminali. L-abbli difensur tal-appellant ghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Mejju, 2004 fl-ismijiet: 'Il-Pulizija v. Aaron Bugeja' fejn saret referenza ghal sentenza ohra moghtija fis-16 ta' Dicembru, 2003 fejn il-Qorti ffissat il- parametri li ghandhom jigu utilizzati fl-ambitu ta' l-ahhar parti tal-artikolu 23(1) tal-Kodici Kriminali. Jirrizulta minghajr ebda dubju li Charles Portelli ma kellu ebda sehem f'dak li ghamel l-appellant. Id-domanda tqum: Charles Portelli ghandu jedd fuq il-vettura? Mir-records tat-Transport Malta ma jirrizulta ebda jedd. Fil-fatt, Charles Portelli seta' jikkawtela l-jedd tieghu billi japplika taht ir-Regolament 27 tal-ligi sussidjarja 368.02, li fl-antika kienet maghrufa bhala r-Regolament 25. Dan ma jirrizultax li sar. Fit-tieni lok, il-kreditu ta' Charles Portelli hu limitat ghall-fatt li hu ghandu fil-pusess tieghu sitt kambjali li ma gewx imhallsa mill-appellant. Kif wiehed ben jaf il-kambjala ghandha hajja awtonoma li ma ghandha xejn x'taqsam mal-fatt li din il-vettura tista' tigi konfiskata favur il-Gvern ta' Malta. Ghal dawn ir-ragunijiet dan l-aggravju ma jistax jigi milquh.'*

Huwa evidentissimu li minkejja li jirriżulta li t-traportazzjoni tas-somma ma kinitx l-unika raġuni tal-vjaġġ, din il-Qort tikkunsidra l-lanċa bħala l-mezz sabiex jiġi kommess ir-reat, stante li s-somma ta' flus kienet qiegħda tiġi trasportata fuq il-lanċa misjuqa mill-appellant. Madankollu, din il-Qorti hi tal-fehma li la darba l-lanċa

[18] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Jannar, 2014 (Appell Kriminali Numru 369/2012)

kienet reġistrata fuq is-soċjeta' Go Fuels Limited u in vista li ma tressqitx prova li l-appellant kien il-proprjetarju tal-lanċa in kwistjoni u anke tenut kont tal-fatt li ingħatat sentenza fil-konfront tad-diretturi tagħha fejn għalkemm ma jirriżultax jekk f'dik il-kawża kienet mitluba il-konfiska tal-lanċa, il-Qorti ma kinitx ordnat il-konfiska tal-bastiment, din il-Qorti sejra tilqa' dan it-tielet aggravju limitatament għar-raġunijiet hawn ikkunsidrati u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska tal-lanċa.

Ikkunsidrat;

Għalkemm l-appellant talab li jiġi liberat minn kull piena, ma jirriżultax li l-appellant ressaq aggravju ad hoc dwar l-ordni tal-Qorti ta' multa ta' ħamest' elef ewro (€5000).

Din il-Qorti tagħmel referenza għar-regolament 3(4) tal-leġislazzjoni sussidjarja 233.07 li jaqra li '*Persuna li tagħmel dikjarazzjoni falza għall-finijiet ta'dawn ir-regolamenti jew li ma twettaqx l-obbligu li tiddikjara somma bħal dik skont is-subregolament (2), tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur, f'valuta lokali fid-data meta l-persuna tkun dieħla jew ħierġa minn Malta jew meta tkun għaddejja fi transit u minn Malta, tal-flus li jkunu qegħdin jinġarru, imma f'kull każ dik il-multa ma għandiex tkun teċċedi ħamsin elf euro (€50,000).*'

Għalhekk jirriżulta li l-imposizzjoni ta' multa ta' ħamest'elef ewro (*€5000)* hija waħda ferm anqas mill-massimu li tiprovdi l-liġi u għalhekk ma tirriżultax raġuni sabiex din titnaqqas jew tiġi revokat. Għaldaqstant din il-piena qiegħda tiġi kkonfermata minn din il-Qorti.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' dan l-appell in parte billi tirrevokaha in kwantu ordnat il-konfiska tal-lanċa bl-isem "Sea Storm" (12521) u tikkonferma s-sentenza appellata fis-sejbien ta' ħtija tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant kif ukoll fir-rigward tal-konsifka tal-flejjes minkejja li dawn gew gja konsifskati b'sentenza ohra u tikkonfermaha fir-rigward tal-multa inflitta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur